



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

5 ta' Lulju 2023\*

“Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Privileġġi u immunitajiet – Deċiżjoni ta' tneħħija tal-immunità Parlamentari – Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni – Kompetenza tal-awtorità li ħarġet it-talba ta' tneħħija tal-immunità – Ċertezza legali – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Portata tal-istħarriġ tal-Parlament – Proċedura ta' eżami tat-talba ta' tneħħija tal-immunità Parlamentari – Drittijiet tad-difiża – Imparzialità”

Fil-Kawża T-272/21,

**Carles Puigdemont i Casamajó**, residenti f'Waterloo (il-Belġju),

**Antoni Comín i Oliveres**, residenti f'Waterloo,

**Clara Ponsatí i Obiols**, residenti f'Waterloo,

irrappreżentati minn P. Bekaert, J. Costa i Rosselló, G. Boye u S. Bekaert, avocats,

rikorrenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn N. Lorenz, N. Görlitz u J.-C. Puffer, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn

**Ir-Renju ta' Spanja**, irrappreżentat minn A. Gavela Llopis u M. J. Ruiz Sánchez, bħala aġenti,

intervenjent,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża),

komposta, matul it-trattazzjoni, minn A. Marcoulli (Relatriċi), Presidenta, S. Frimodt Nielsen, H. Kanninen, J. Schwarcz u R. Norkus, Imħallfin,

Reġistratur: M. Zwozdiak-Carbonne, amministratriċi,

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara li rat id-digriet tat-30 ta' Lulju 2021, Puigdemont i Casamajó *et vs* Il-Parlament (T-272/21 R, mhux ippubblikat, EU:T:2021:497),

wara li rat id-digriet tas-26 ta' Novembru 2021, Puigdemont i Casamajó *et vs* Il-Parlament (T-272/21 RII, mhux ippubblikat, EU:T:2021:834),

wara li rat id-digriet tal-24 ta' Mejju 2022, Puigdemont i Casamajó *et vs* Il-Parlament u Spanja (C-629/21 P(R), EU:C:2022:413),

wara s-seduta tal-25 ta' Novembru 2022,

tagħti l-preżenti

### **Sentenza**

- 1 Permezz tar-rikors tagħhom, ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Carles Puigdemont i Casamajó, Antoni Comín i Oliveres u Clara Ponsatí i Obiols, jitolbu l-annullament tad-deċiżjonijiet P9\_TA(2021)0059, P9\_TA(2021)0060 u P9\_TA(2021)0061 tal-Parlament Ewropew, tad-9 ta' Marzu 2021, dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità tagħhom (iktar 'il quddiem id-“deċiżjonijiet ikkontestati”).

### **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

- 2 L-ewwel rikorrent, kien il-President tal-Generalitat de Catalunya (il-Ġeneralità ta' Catalunya, Spanja) u t-tieni u t-tielet rikorrent kienu membri tal-Gobierno autonómico de Catalunya (il-Gvern Awtonomu ta' Catalunya, Spanja) fil-mument meta ġiet adottata l-Ley 19/2017 del Parlamento de Catalunya, reguladora del referéndum de autodeterminación (il-Liġi 19/2017 tal-Parlament ta' Catalunya, li Tirregola r-Referendum Dwar l-Awtodeterminazzjoni), tas-6 ta' Settembru 2017 (DOGC 7449A tas-6 ta' Settembru 2017, p. 1), u l-Ley 20/2017 del Parlamento de Catalunya, de transitoriedad jurídica y fundacional de la República (il-Liġi 20/2017 tal-Parlament ta' Catalunya dwar it-Tranżizzjoni Ġuridika u Konstitutiva tar-Repubblika), tat-8 ta' Settembru 2017 (DOGC 7451A, tat-8 ta' Settembru 2017, p. 1), kif ukoll meta, fl-1 ta' Ottubru 2017, inżamm ir-referendum dwar l-awtodeterminazzjoni previst mill-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ liġijiet, li d-dispożizzjonijiet tagħha kienu, sadanittant, ġew sospiżi permezz ta' deċiżjoni tat-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali, Spanja).
- 3 Wara l-adozzjoni tal-imsemmija liġijiet u wara ż-żamma ta' dan ir-referendum, il-Ministerio fiscal (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, Spanja), l-Abogado del Estado (l-Avukat tal-Istat, Spanja) u l-partit politiku VOX bdew proċeduri kriminali kontra numru ta' persuni, fosthom ir-rikorrenti, billi qiesu li dawn kienu wettqu atti li jaqgħu, skont il-persuni kkonċernati, b'mod partikolari taħt ir-reati ta' ribelljoni, ta' sedizzjoni u ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi (iktar 'il quddiem id-“proċeduri kriminali inkwistjoni”).

- 4 Fil-21 ta' Marzu 2018, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) tat digriet li jsib lir-rikorrenti ħatja għall-allegat ksur ta' ribelljoni u ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Permezz ta' digriet tad-9 ta' Lulju 2018, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddikjarat li dawn tal-aħħar kienu kontumaċi, wara li huma kienu ħarbu mir-Renju ta' Spanja, u ssuspendiet il-proċeduri kriminali miftuħa kontrihom sakemm huma jinstabu.
- 5 Sussegwentement, ir-rikorrenti ppreżentaw il-kandidatura tagħhom għall-elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew li nżammu fi Spanja fis-26 ta' Mejju 2019.
- 6 Fit-13 ta' Ġunju 2019, il-Junta Electoral Central (il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Spanja) adottat id-deċiżjoni li kienet tipproklama l-kandidati eletti fil-Parlament matul l-elezzjonijiet tas-26 ta' Mejju 2019, li fosthom kien hemm l-ewwel u t-tieni rikorrent.
- 7 Fis-17 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali nnotifikat lill-Parlament il-lista tal-kandidati eletti fi Spanja, li ma kinitx tinkludi l-ismijiet tal-ewwel u t-tieni rikorrent.
- 8 Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali kkomunikat lill-Parlament deċiżjoni li fiha hija kkonstatat li l-ewwel u t-tieni rikorrent ma kinux ħadu l-ġurament li jirrispettaw il-Kostituzzjoni Spanjola meħtieġ mill-Artikolu 224(2) tal-Ley orgánica 5/1985, de régimen electoral general (il-Liġi Organika 5/1985, li Tistabbilixxi s-Sistema Elettorali Ġenerali), tad-19 ta' Ġunju 1985 (BOE Nru 147, tal-20 ta' Ġunju 1985, p. 19110), u, b'konformità ma' dan l-artikolu, iddikjarat vakanti s-siġġijiet allokat li lir-rikorrenti fil-Parlament kif ukoll is-sospensjoni tal-prerogattivi kollha li huma seta' jkollhom dritt għalihom minħabba l-funzjonijiet tagħhom sakemm huma jkunu ħadu dan il-ġurament.
- 9 Fis-27 ta' Ġunju 2019, il-President tal-Parlament ta' dak iż-żmien informa lill-ewwel u t-tieni rikorrent li ma kienx f'pożizzjoni li jittrattahom bħala futuri membri tal-Parlament.
- 10 Fl-14 ta' Ottubru 2019, l-imħallef inkwirenti tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ħareġ mandat ta' arrest nazzjonali, mandat ta' arrest Ewropew u mandat ta' arrest internazzjonali kontra l-ewwel rikorrent, sabiex huwa jkun jista' jiġi ġġudikat fil-kuntest tal-proċeduri kriminali inkwistjoni. Fl-4 ta' Novembru 2019, inħarġu mandati ta' arrest simili mill-istess qorti kontra t-tieni u t-tielet rikorrent.
- 11 Fit-13 ta' Jannar 2020, il-President tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) baġhat lill-Parlament it-talba tal-10 ta' Jannar 2020, mibgħuta taħt ir-responsabbiltà tal-President tal-Awla Kriminali ta' din il-qorti, li tirriżulta minn digriet tal-istess ġurnata tal-qorti istrutturja ta' din l-awla, li għandha bħala suġġett it-tneħħija tal-immunità Parlamentari tal-ewwel u t-tieni rikorrent.
- 12 Waqt is-seduta plenarja tat-13 ta' Jannar 2020, il-Parlament ħa nota, wara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19, EU:C:2019:1115), tal-elezzjoni tal-ewwel u t-tieni rikorrent fil-Parlament b'effett mit-2 ta' Lulju 2019.
- 13 Fis-16 ta' Jannar 2020, il-Viċi President tal-Parlament ikkomunika f'seduta plenarja t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tal-ewwel u t-tieni rikorrent u baġathom lill-kumitat responsabbli, jiġifieri l-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament.
- 14 Fl-10 ta' Frar 2020, il-Parlament, wara l-irtirar tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea, li seħħ fil-31 ta' Jannar 2020, ħa nota tal-elezzjoni tat-tielet rikorrent bħala membru tal-Parlament b'effett mill-1 ta' Frar 2020.

- 15 Fl-istess ġurnata, il-President tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) baġat lill-Parlament it-talba tal-4 ta' Frar 2020, mibgħuta taħt ir-responsabbiltà tal-President tal-Awla Kriminali ta' din il-qorti, li tirriżulta minn digriet tal-istess ġurnata tal-qorti istrutturja ta' din l-awla, li għandha bħala suġġett it-tneħħija tal-immunità Parlamentari tat-tielet rikorrent.
- 16 Fit-13 ta' Frar 2020, il-Viċi President tal-Parlament ikkomunika f'seduta plenarja t-talba għat-tneħħija tal-immunità tat-tielet rikorrent u baġhatha lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali.
- 17 Ir-rikorrenti ppreżentaw osservazzjonijiet lill-Parlament. Ir-rikorrenti nstemgħu ukoll mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fl-14 ta' Jannar 2021.
- 18 Fit-23 ta' Frar 2021, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali adotta r-rapporti A 9-0020/2021, A 9-0021/2021, u A 9-0022/2021, dwar it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti.
- 19 Permezz tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Parlament laqa' t-talbiet imsemmija fil-punt 11 u 15 iktar 'il fuq.

### **It-talbiet tal-partijiet**

- 20 Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati;
  - tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.
- 21 Il-Parlament, sostnut mir-Renju ta' Spanja, jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċħad ir-rikors;
  - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

### **Id-dritt**

- 22 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tmien motivi.
- 23 L-ewwel motiv ibbażat, essenzjalment, fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjonijiet ikkontestati.
- 24 It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegata inkompetenza tal-awtorità nazzjonali li ħarġet u baġtet lill-Parlament Ewropew it-talbiet intiżi għat-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti.
- 25 It-tielet motiv ibbażat, essenzjalment, fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità.
- 26 Ir-raba' motiv ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur tad-dritt għal smiġħ xieraq.
- 27 Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' kooperazzjoni legali, tad-dritt għal protezzjoni ġuridika effettiva u tad-drittijiet tad-difiża minħabba nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

- 28 Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 343 TFUE, tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Tattati UE u FUE (iktar 'il quddiem il-“Protokoll Nru 7”) u tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament applikabbli għad-Disa' Leġiżlatura (2019-2024), fil-verżjoni tiegħu preċedenti għall-modifika tiegħu permezz tad-deċiżjoni tal-Parlament tas-17 ta' Jannar 2023 (iktar 'il quddiem ir-“Regoli ta' Proċedura”), sa fejn il-Parlament ma osservax il-limiti li jllimitaw is-setgħa tiegħu li jneħħi l-immunità tal-membri tiegħu.
- 29 Is-seba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn il-Parlament mingħajr ġustifikazzjoni mar lil hinn mill-prattika preċedenti tiegħu jew mill-eżistenza ta' żbalji fl-evalwazzjoni ta' *fumus persecutionis*.
- 30 It-tmien motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn il-Parlament, għall-ewwel darba, permezz tad-deċiżjonijiet ikkontestati, awtorizza d-detenzjoni provviżorja tal-membri tiegħu.
- 31 Sa fejn is-sitt motiv jinkludi, essenzjalment, ilmenti dwar allegati żbalji ta' liġi u ta' fatt li jivvizzjaw l-eżami mill-Parlament tal-*fumus persecutionis*, dawn l-ilmenti ser jiġu ttrattati flimkien mas-seba' motiv. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tqis li huwa relevanti li jiġi eżaminat ir-raba' motiv u wara t-tielet motiv fl-aħħar lok, wara t-tmien motiv.

### ***Fuq l-ammissibbiltà tar-riferimenti għall-annessi***

- 32 Il-Parlament b'mod partikolari kkontesta l-ammissibbiltà ta' ċerti argumenti tar-rikorrenti sa fejn dawn jidhru biss fl-annessi għall-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom.
- 33 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess statut, u skont l-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikors għandu b'mod partikolari jindika t-talbiet u sunt tal-motivi invokati. Minn ġurisprudenza stabbilita sew jirriżulta li dan is-sunt għandu jkun ċar u preċiż biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali taqta' r-rikors, skont il-każ, mingħajr ebda informazzjoni oħra li ssostnih. Għalkemm it-test proprju tar-rikors jista' jiġi ssostanzjat u kkompletat, fir-rigward ta' punti speċifiċi, permezz ta' riferimenti għal siltiet speċifiċi f'dokumenti li jkunu annessi miegħu, riferiment ġenerali għal dokumenti oħra, anki jekk ikunu annessi mar-rikors, ma jstax jikkumpensa għan-nuqqas tal-elementi essenzjali tal-argumenti ta' liġi li għandhom ikunu inklużi fir-rikors (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et vs* Il-Kummissjoni C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 Barra minn hekk, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tfittex u tidentifika, fl-annessi, il-motivi u l-argumenti li hija tista' tikkunsidra li jikkostitwixxu l-bażi tar-rikors, peress li l-annessi għandhom funzjoni purament probatorja u strumentali (ara s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2021, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, T-191/16, mhux ippubblikat, EU:T:2021:707, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata). Din il-funzjoni purament probatorja u strumentali tal-annessi timplika li, sa fejn dawn jinkludu punti ta' liġi li fuqhom huma bbażati ċerti motivi sostnuti fir-rikors, elementi bħal dawn għandhom jiġu inklużi fit-test innifsu tiegħu jew tal-inqas ikunu identifikati b'mod ċar f'din in-nota (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et vs* Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 99). L-annessi ma

jistgħux iservu sabiex jiżviluppaw motiv deskritt fil-qosor fir-rikors billi jressqu lmenti jew argumenti li ma humiex fir-rikors (ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, T-336/07, EU:T:2012:172, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 35 Din l-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tapplika wkoll għall-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-replika li, skont l-Artikolu 83 tal-istess Regoli tal-Proċedura, hija intiża li tikkompleta r-rikors (ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, T-336/07, EU:T:2012:172, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 F'dan il-każ, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, ir-rikorrenti għamlu numru ta' riferimenti għal dokumenti, xi drabi voluminużi, annessi magħhom. Madankollu, id-dokumenti li għalihom jirreferu ċerti riferimenti, ma humiex intiżi biss sabiex jissostanzjaw u jikkompletaw, fuq punti speċifiċi, ċerti argumenti tal-korp tan-nota li magħha huma annessi, iżda jinkludu l-ispjegazzjoni stess tal-imsemmija argumenti, b'mod li, mingħajr l-analiżi ta' dawn id-dokumenti, dawn ma humiex komprehensibbli.
- 37 Minn dan isegwi li, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 33 sa 35 iktar 'il fuq, l-annessi prodotti mir-rikorrenti ser jittieħdu inkunsiderazzjoni biss sa fejn jissostanzjaw jew jikkompletaw motivi jew argumenti espressament invokati mir-rikorrenti fit-test proprju tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom u sa fejn ikun possibbli li jiġi identifikat bi preċiżjoni liema huma l-elementi, li jinsabu fihom, li jissostanzjaw jew jikkompletaw dawn il-motivi jew argumenti.

### *Fuq il-mertu*

#### *Il-kuntest ġuridiku*

##### *– Id-dritt tal-Unjoni*

- 38 L-Artikolu 343 TFUE jipprovdi li “[l-]Unjoni għandha tgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li jkunu meħtieġa għat-twettieq tad-doveri tagħha, skont il-kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-Protokoll [Nru 7] [...]”
- 39 Il-Kapitolu III tal-Protokoll Nru 7, dwar il-Membri tal-Parlament Ewropew”, jinkludi b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu, li jipprovdi:
- “Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.”
- 40 Fl-istess kapitolu, l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 jipprovdi:
- “Waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu, għandhom igawdu:
- a) fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

b) fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.

L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkun qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tintalab meta membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu.”

41 Il-Kapitolu VII tal-Protokoll Nru 7, intitolat “Dispożizzjonijiet Ġenerali” jinkludi b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu, li jipprovdi:

“L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom, bl-għan li jiġi applikat dan il-Protokoll, jikkoperaw ma' l-awtoritajiet responsabbli ta' l-Istati Membri involuti.”

42 L-Artikolu 5 tar-Regoli ta' Proċedura, intitolat “Privileġġi u immunitajiet”, jipprevedi:

“1. Il-Membri jgawdu l-privileġġi u l-immunitajiet stabbiliti fil-Protokoll Nru 7 [...].

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu rigward il-privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu jaġixxi biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom. L-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu.

[...]”

43 L-Artikolu 6 tar-Regoli ta' Proċedura, intitolat “Tneħħija tal-immunità”, jipprevedi:

“1. Kull talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tiġi eżaminata skont it-termini tal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 [...] u skont il-prinċipji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(2).

[...]”

44 L-Artikolu 9 tar-Regoli tal-Proċedura, intitolat “Proċeduri dwar l-immunità”, jipprovdi:

“1. Kwalunkwe talba indirizzata lill-President [tal-Parlament] minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ex Membru għal ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tiġi riferuta lill-kumitat responsabbli.

[...]

3. Il-kumitat għandu jeżamina mingħajr dewmien, imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet.

4. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni motivata li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija tal-immunità jew għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet.

L-emendi m'għandhomx ikunu ammissibbli. Jekk proposta tiġi miċħuda, id-deċiżjoni kuntrarja għandha titqies li tkun ġiet adottata.

5. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa.

6. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema' u jista' jippreżenta kwalunkwe dokument jew evidenza oħra bil-miktub li jħoss li huma rilevanti.

[...]

7. Jekk it-talba tfittex li tneħħi jew li tħares l-immunità għal aktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista', bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija jew il-ħarsien tal-immunità tapplika biss għal proċeduri ta' prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membru għandu jkun immuni minn kull forma ta' detenzjoni jew rimandar jew minn kull miżura oħra li ma thallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.

8. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza tal-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibilità tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lill-jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.

[...]

12. Il-Parlament għandu jeżamina biss talbiet biex titneħħa l-immunità ta' xi Membru li jkunu ġew trażmessi lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew mir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri.

13. Il-kumitat għandu jistabbilixxi l-prinċipji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

14. Kull talba għal informazzjoni dwar il-firxa tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membri magħmula minn awtorità kompetenti għandha tiġi eżaminata skont ir-regoli t'hawn fuq."

– *Id-dritt Spanjol*

45 L-Artikolu 71 tal-Kostituzzjoni Spanjola jistipula:

"1. Id-deputati u s-senaturi jgawdu mill-invjolabbiltà għall-opinjonijiet espressi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

"2. Matul il-mandat tagħhom, id-deputati u s-senaturi jgawdu wkoll mill-immunità u ma jistgħux jiġu arrestati ħlief f'każ li jinqabdu jwettqu reat. Huma ma jistgħux jiġu suġġetti għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-assemblea rispettiva tagħhom.

"3. Fil-proċeduri kriminali kontra deputati jew senaturi, l-awla kompetenti hija l-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo [(il-Qorti Suprema)].



[...]

- 46 L-Artikoli 750 sa 753 tal-Ley de Enjuiciamiento Criminal (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) huma fformulati kif ġej:

*“Artikolu 750*

Il-qorti jew it-tribunal li għandu motiv għall-prosekuzzjoni ta’ senatur jew deputat sedenti fil-Cortes [(is-Senat u l-Kamra tad-Deputati, Spanja)] minħabba reat kriminali ma għandux jiftaħ proċedura fil-konfront tiegħu matul is-sessjoni [tas-Senat u l-Kamra tad-Deputati] sa fejn ma jkunx kiseb l-awtorizzazzjoni korrispondenti tal-assemblya li l-persuna kkonċernata tiffirma parti minnha.

*Artikolu 751*

Jekk is-senatur jew id-deputat ikun inqabad iwettaq reat, huwa jista’ jiġi arrestat u jitressaq għal prosekuzzjoni kriminali mingħajr l-awtorizzazzjoni msemmija fl-artikolu preċedenti; madankollu, f’erbgħa u għoxrin siegħa mill-arrest jew mill-prosekuzzjoni kriminali, l-assemblya li minnha jiffirma parti għandha tiġi informata.

L-assemblya rispettiva għandha tiġi informata wkoll b’kull proċedura kriminali miftuħa kontra dak li, minkejja li ġie mressaq għal prosekuzzjoni kriminali, jiġi elett senatur jew deputat.

*Artikolu 752*

Jekk senatur jew deputat jitressaq għal prosekuzzjoni kriminali matul waqfa parlamentari, il-qorti jew it-tribunal li quddiemu titressaq il-kawża għandu jinforma immedjatament l-assemblya rispettiva dwar dan.

L-istess japplika meta senatur jew deputat elett jitressaq għal prosekuzzjoni kriminali qabel ma jiltaqa’ [s-Senat jew il-Kamra tad-Deputati].

*Artikolu 753*

Fi kwalunkwe każ, ir-reġistratur għandu jissospendi l-proċedura mill-ġurnata li fiha [s-Senat jew il-Kamra tad-Deputati] jiġi informat, kemm jekk ikun waqt perijodu ta’ sessjonijiet kif ukoll jekk le, u l-affarijiet għandhom jibqgħu f’dak l-istat sakemm l-assemblya rispettiva tiddeċiedi kif jidhirlha xieraq.”

- 47 Ir-Reglamento del Senado (Regolament tas-Senat) tat-3 ta’ Mejju 1994 (BOE Nru 114, tat-13 ta’ Mejju 1994, p. 14687), jipprovdi, fl-Artikolu 22(1) tiegħu:

“Matul il-mandat tagħhom, is-senaturi jgawdu mill-immunità u ma jistgħux jiġu arrestati ħlief f’każ li jinqabdu jwettqu reat. Id-detenzjoni jew l-arrest għandhom jiġu kkomunikati minnufih lill-Presidenza tas-Senat.

Is-senaturi ma jistgħux jiġu akkużati jew imħarrka mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tas-Senat, mitluba permezz tat-talba għat-tneħħija tal-immunità rilevanti. Tali awtorizzazzjoni hija wkoll neċessarja jekk persuna ssir senatur meta hija tkun mħarrka jew akkużata fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali.”

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata*

- 48 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma humiex motivati b'mod suffiċjenti. L-ewwel, il-Parlament ma pprovda ebda risposta għall-osservazzjonijiet tagħhom kemm dwar l-irregolaritajiet proċedurali rrilevati kif ukoll dwar il-fondatezza tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, u lanqas ma ddeċieda dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura. It-tieni, id-deċiżjonijiet ikkontestati ma jagħmlu l-ebda riferiment għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), inkluż fl-Artikolu 52 tagħha, minkejja l-osservazzjonijiet li huma kienu fformulaw dwar il-ksur tagħha. It-tielet, dawn ma jinkludu ebda motivazzjoni fir-rigward tal-effett tat-tneħħija tal-immunità tagħhom fuq il-funzjonament tajjeb tal-Parlament. Ir-raba', il-Parlament ma mmotivax il-konklużjoni tiegħu dwar l-assenza ta' *fumus persecutionis*.
- 49 Il-Parlament, sostnut mir-Renju ta' Spanja, jikkontesta dawn l-argumenti.
- 50 Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtur tal-att, b'mod illi jippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u li jippermetti lill-qorti kompetenti twettaq l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment minn dan l-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet (ara s-sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni, C-247/14 P, EU:C:2016:149, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 51 Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs Di Bernardo, C-114/19 P, EU:C:2020:457, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, l-istituzzjoni kkonċernata ma hijiex obligata tiegħu pożizzjoni dwar l-argumenti kollha invokati quddiemha mill-persuni kkonċernati, peress li hija tesponi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet legali li għandhom importanza essenzjali fil-kuntest tad-deċiżjoni tagħha (ara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022, Fakro vs Il-Kummissjoni, C-149/21 P, mhux ippubblikata, EU:C:2022:517, punt 190; ara wkoll is-sentenza tat-30 ta' April 2014, Hagenmeyer u Hahn vs Il-Kummissjoni, T-17/12, EU:T:2014:234, punt 173, u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, Mélin vs Il-Parlament, T-726/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:816, punt 25).
- 52 L-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi formalità sostanzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress li din taqa' taħt il-legalità sostantiva tal-att ikkontestat (ara s-sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Missir Mamachi di Lusignano, C-54/20 P, EU:C:2022:349, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 53 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi ddeterminat jekk id-deċiżjonijiet ikkontestati humiex motivati b'mod suffiċjenti.

- 54 F'dan il-każ, id-deċiżjonijiet ikkontestati huma simili ħafna, bl-eċċezzjoni tal-ismijiet tal-membri tal-Parlament ikkonċernati, tad-data tal-adozzjoni ta' ċerti atti ġudizzjarji u, fir-rigward tat-tielet rikorrent, taċ-ċirkustanzi tal-elezzjoni tagħha fil-Parlament u minħabba l-fatt li hija akkużata, fil-kuntest tal-proċedura kriminali inkwistjoni, għall-allegat reat ta' sedizzjoni biss.
- 55 F'dawn id-deċiżjonijiet, essenzjalment, il-Parlament indika, fil-punt A, li kien adit b'talbiet, imressqa mill-President tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), intiżi għat-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, imressqa fil-kuntest tal-proċeduri kriminali inkwistjoni. Huwa rrileva, fil-punti F u G, li ma kellux ġurisdiżjoni sabiex jiddeċiedi dwar ir-rilevanza tal-azzjoni kriminali, u lanqas sabiex jikkontesta l-merti tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. Bl-istess mod, fil-punt H, huwa indika li ma kienx kompetenti sabiex jevalwa jew jikkontesta l-kompetenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali inkwistjoni. Fil-punt I, huwa rrileva li l-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) kienet, skont id-dritt Spanjol kif huwa interpretat mill-qradi nazzjonali u kkomunikat lill-Parlament mir-Renju ta' Spanja, l-awtorità kompetenti sabiex jitlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament.
- 56 Barra minn hekk, fil-punt J, il-Parlament qies li l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 ma kienx applikabbli, peress li l-fatti inkwistjoni ma kinux relatati ma' opinjonijiet jew ma' voti mogħtija minn membri tal-Parlament fil-qadi ta' dmirijiethom.
- 57 Il-Parlament sussegwentement eżamina l-immunità prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-imsemmi protokoll. Fil-punti K sa N, huwa rrileva li, skont it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, l-Artikolu 71 tal-Kostituzzjoni Spanjola ma kienx jimponi li tinkiseb awtorizzazzjoni parlamentari sabiex titkompla l-proċedura kriminali fir-rigward ta' persuna li kisbet il-kwalità ta' parlamentari wara l-akkuża tagħha u li, għaldaqstant, ma kienx neċessarju li tintalab it-tneħħija tal-immunità skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7. Sussegwentement, huwa ppreċiża li ma kienx il-kompitu tiegħu li jinterpreta r-regoli nazzjonali dwar l-immunitajiet tal-membri tal-Parlament (punt N).
- 58 Fl-aħħar nett, fil-punti O sa W, il-Parlament evalwa jekk kienx hemm lok li titneħħa l-immunità prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7. F'dan ir-rigward, essenzjalment, huwa qies li r-rikorrenti kienu s-suġġett ta' mandati ta' arrest b'mod partikolari Ewropej, li l-legalità tagħhom kienet ġiet ikkonfermata mill-qradi nazzjonali, u li t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tagħhom kienu intiżi sabiex jippermettu l-eżekuzzjoni tagħhom (punt P). Huwa qies li l-akkuża mressqa fil-konfront tar-rikorrenti ma kinitx manifestament marbuta mad-dmirijiet tagħhom ta' membri tal-Parlament, iżda kienet tirrigwarda l-funzjonijiet preċedenti tagħhom fil-Cataluña (punt T), li din l-akkuża kienet tirrigwarda wkoll persuni oħra li ma għandhomx il-kwalità ta' membru tal-Parlament Ewropew (punt U) u li ma setax jiġi affermat li l-proċedura kriminali inkwistjoni kienet saret sabiex tagħmel ħsara lill-attività politika tar-rikorrenti bħala membri tal-Parlament Ewropew (*fumus persecutionis*) peress li kemm il-fatti allegati kif ukoll l-imsemmija proċedura kienu datati minn perijodu li fih il-kisba tal-kwalità ta' membru tal-Parlament mir-rikorrenti kienet għadha ipotetika (punti V u W). Konsegwentement, il-Parlament neħħa l-immunità tar-rikorrenti prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7.
- 59 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza esposta fil-punt 51 iktar 'il fuq, is-silenzju tad-deċiżjonijiet ikkontestati dwar l-osservazzjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ma huwiex, fih innifsu, ta' natura li jstabbilixxi li r-rekwiżit ta' motivazzjoni ġie miksur mill-Parlament. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li la n-numru u lanqas l-importanza

- tal-argumenti u tad-dokumenti prodotti mir-rikorrenti ma huma ta' natura li jbiddu l-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni li għandu l-Parlament (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFX et, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 96).
- 60 Sussegwentement, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma jirrispondux għall-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom dwar il-fondatezza tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, filwaqt li dawn l-osservazzjonijiet huma f'kontradizzjoni diretta mal-motivi tal-imsemmija deċiżjonijiet.
- 61 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjonijiet ikkontestati, li s-sustanza tagħhom tfakkret fil-punti 55 sa 58 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-punt I tagħhom jinkludi r-raġunijiet li għalihom il-Parlament ċaħad impliċitament l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-inammissibbiltà tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) sabiex tagħmilhom. Fil-punti M u N, il-Parlament wieġeb ukoll b'mod impliċitu għall-argument ibbażat fuq il-fatt li l-proċeduri kriminali fi Spanja ma kinux ġew awtorizzati mill-Parlament. Bl-istess mod, il-punti F u G jikkostitwixxu risposta impliċita għall-argumenti tar-rikorrenti intiżi sabiex jikkontestaw il-possibbiltà tal-proċeduri fid-dawl tal-fatti li huma akkużati bihom. Għall-bqija, mill-analiżi li tinsab fil-punti O sa W tad-deċiżjonijiet ikkontestati jirriżulta li l-oġġezzjonijiet dwar il-persekuzzjonijiet politiċi, in-natura eċċezzjonali tal-kawżi inkwistjoni, il-kronoloġija tal-avvenimenti, il-funzjonament tajjeb tal-Parlament, b'mod partikolari l-integrità u l-indipendenza tiegħu, in-natura sproporzjonata tat-tneħħija tal-immunità fiċ-ċirkustanzi tal-każ u d-diversi preċedenti invokati mir-rikorrenti ġew miċħuda minħabba li l-*fumus persecutionis*, jiġifieri l-eżistenza ta' punti ta' fatt li jindikaw li l-proċeduri ġudizzjarji inkwistjoni nbdew bl-intenzjoni li ssir ħsara lill-attività tal-membri tal-Parlament u, għaldaqstant tal-Parlament, setgħet tiġi eskluża. F'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-esklużjoni ta' tali *fumus* jirriżultaw b'mod suffiċjentement ċar mill-punti T sa V tad-deċiżjonijiet ikkontestati.
- 62 Barra minn hekk, ċertament, id-deċiżjonijiet ikkontestati ma jiddeċidux espliċitament dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura (ara l-punt 44 iktar 'il fuq) invokat mir-rikorrenti, li jipprovdi li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali jista', b'mod eċċezzjonali, jipproponi li t-tneħħija tal-immunità tkun tirrigwarda esklużivament it-tkomplija tal-azzjoni kriminali, mingħajr ma tkun tista' tiġi adottata ebda miżura ta' arrest, ta' detenzjoni, u lanqas xi miżura oħra li tipprekli lill-membri tal-Parlament milli jeżerċita l-funzjonijiet inerenti għall-mandat tiegħu, sakemm ma tkunx ingħatat sentenza definittiva. Madankollu, peress li l-motivazzjoni ta' att għandha tiġi evalwata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest tagħha (ara l-punt 51 iktar 'il fuq), il-fatt li t-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti kienet intiża sabiex tkompli l-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej maħruġa għall-finijiet tat-tkomplija tal-proċeduri kriminali mmexxija fil-konfront tagħhom, kif espost b'mod partikolari fil-punti B u P ta' dawn id-deċiżjonijiet, jippermetti li jiġu identifikati r-raġunijiet li għalihom il-Parlament ma applikax dan l-artikolu, li l-formulazzjoni tiegħu tipprevedi, barra minn hekk, li l-implimentazzjoni tiegħu hija eċċezzjonali.
- 63 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma rrispondewx għall-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, b'mod partikolari tas-16, tat-23 u tal-24 ta' Novembru 2020, dwar allegati irregolaritajiet proċedurali, b'mod partikolari, il-ħatra ta' relatur wieħed fi ħdan il-Kumitat għall-Affarijiet Legali sabiex jiġu ttrattati t-tliet talbiet għat-tneħħija tal-immunità u n-nuqqas ta' imparzjalità tar-relatur u tal-president ta' dan il-kumitat.

- 64 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-eżami tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità ma jipprevedu ebda proċedura intiża sabiex tiġi kkontestata l-ħatra, minn dan il-kumitat, tar-relatur inkarigat minn każ ta' immunità jew il-presidenza tal-laqgħa li matulha din il-kawża hija eżaminata mill-President fil-kariga.
- 65 F'dan il-każ, id-deċiżjonijiet ikkontestati ma jinkludu ebda risposta espliċita, u lanqas ebda riferiment għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-allegati irregolaritajiet proċedurali msemmija fil-punt 63 iktar 'il fuq. Madankollu, billi żamm l-uniku relatur għall-eżami tat-talbiet talbiet għat-tneħħija tal-immunità kif ukoll il-President Spanjol tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, dan tal-aħħar neċessarjament ikkunsidra li l-irregolaritajiet proċedurali allegati mir-rikorrenti ma kinux fondati. Il-fatt li l-Parlament ma indikax il-motivi ta' tali konklużjoni madankollu ma jaffettwax iċ-ċarezza tar-raġunament li wassal lill-Parlament sabiex ineħħi l-immunità tar-rikorrenti, u lanqas ma jostakola l-istħarriġ tal-legalità mill-Qorti Ġenerali dwar dawn l-allegati irregolaritajiet, li ser jiġu eżaminati fil-kuntest tat-tielet motiv.
- 66 Barra minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti għandhom l-intenzjoni jsostnu li l-assenza ta' tweġiba mill-Parlament għat-talbiet tagħhom intiżi sabiex tinkiseb it-traduzzjoni tad-dokumenti li huma kienu pproduċew għall-finijiet tal-komunikazzjoni tagħhom lill-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali taffettwa l-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, tali argument għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali ma jipprevedux il-possibbiltà, għall-membri tal-Parlament ikkonċernat jew għar-rappreżentant tiegħu, li jitlob it-traduzzjoni ta' dokument prodott fil-kuntest tal-eżami tat-talba għat-tneħħija tal-immunità. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' talba għal traduzzjoni ma taqax taħt il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet legali li għandhom importanza essenzjali fl-istruttura tad-deċiżjoni li fuqhom il-Parlament huwa obligat jieħu espliċitament pożizzjoni f'din id-deċiżjoni.
- 67 Fit-tielet lok, il-fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma jinkludu ebda riferiment għall-Karta u, b'mod partikolari għall-Artikolu 52 tagħha, minkejja l-argumenti ppreżentati f'dan ir-rigward mir-rikorrenti, ma huwiex ta' natura li jikkarakterizza insuffiċjenza ta' motivazzjoni. Fil-fatt, minn naħa, il-Parlament ma kienx obligat iwieġeb għall-argumenti kollha tar-rikorrenti (ara l-punt 51 iktar 'il fuq). Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjonijiet ikkontestati josservawx id-dispożizzjonijiet tal-Karta taqa' taħt l-evalwazzjoni tal-fondatezza tagħhom u ser tiġi eżaminata fil-kuntest tal-motivi fuq il-mertu ppreżentati mir-rikorrenti.
- 68 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li d-deċiżjonijiet ikkontestati qiegħdu lir-rikorrenti f'pożizzjoni li jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom l-immunità tagħhom tneħħiet u l-qorti kompetenti għandha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha.
- 69 Konsegwentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq l-inkompetenza tal-awtorità nazzjonali li ħarġet u baġtet lill-Parlament it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti*

- 70 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament naqas mill-obbligu tiegħu li jivverifika l-kompetenza tal-awtorità nazzjonali li indirizzat it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità.

- 71 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ma kinitx l-awtorità kompetenti sabiex toħroġ it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tagħhom. Huma jispjegaw li din il-qorti kkunsidrat li, għalkemm ebda test ma kien jagħtiha espressament tali kompetenza fir-rigward ta' membru tal-Parlament Ewropew elett għar-Renju ta' Spanja, din kienet ibbażata fuq l-applikazzjoni b'analoġija, skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 tad-dritt nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu 71(3) tal-Kostituzzjoni Spanjola, li kien jagħtiha il-kompetenza sabiex tinvestiga, tiddeċiedi u tressaq talba għat-tneħħija tal-immunità fir-rigward tal-Membri tal-Parlament Spanjoli. Dik il-qorti qieset ukoll li tali applikazzjoni b'analoġija kienet eskluża fir-rigward tal-membri tal-Parlament Ewropew eletti għal Stat Membru ieħor u li, għal dawn tal-aħħar, hija l-qorti Spanjola territorjalment kompetenti li kellha titlob it-tneħħija tal-immunità. Skont ir-rikorrenti, din l-interpretazzjoni tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) hija żbaljata u tikser l-Artikoli 20, 21 u 47 tal-Karta. In-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) diġà ġiet irrikonoxxuta mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) u mill-grupp ta' ħidma dwar id-detenzjoni arbitrarja maħluqa mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Fir-replika, ir-rikorrenti jżidu li l-interpretazzjoni tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) hija iktar sorprendenti peress li hija bbażata fuq il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, li madankollu din il-qorti ċċaħħadhom mill-benefiċċju tiegħu. Huma jfakkru li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) sistematikament irrifjutat li tagħmel domanda preliminari f'dan ir-rigward lill-Qorti tal-Ġustizzja.
- 72 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament ma kienx marbut b'din l-interpretazzjoni tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), li hija kellha teżamina l-bażi tagħha. Fil-fehma tagħhom, anki jekk jitqies li din l-interpretazzjoni hija stabbilita, il-fatt li l-Parlament eżamina l-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tan-notifiki tar-Renju ta' Spanja tal-11 ta' Ġunju 2014 u tat-30 ta' Settembru 2020, li lanqas biss huma msemmija fid-deċiżjonijiet ikkontestati, ma jistax jiġi assimilati ma' sħarriġ fid-dawl tan-natura spekulattiva u purament indikattiva ta' dawn in-notifiki.
- 73 Billi ma wettaqx tali sħarriġ, il-Parlament, skont ir-rikorrenti, kiser l-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura, moqri fid-dawl tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, kif ukoll l-Artikoli 20, 21 u 47 tal-Karta, moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni.
- 74 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jirrelevaw li l-Artikolu 756 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprovdi li t-talba għat-tneħħija tal-immunità hija indirizzata permezz tal-Ministeru għall-Ġustizzja, li ma kienx il-każ.
- 75 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jikkontestaw dawn l-argumenti.
- 76 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-awtorità kompetenti sabiex tikkomunika lill-Parlament talba għat-tneħħija tal-immunità, ir-rikorrenti jsostnu, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta, li t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità ntbagħtu minn awtorità inkompetenti. Huma jippreċiżaw li, skont l-Artikolu 756 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, tali talbiet kellhom jiġu indirizzati permezz tal-Ministeru għall-Ġustizzja.
- 77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tas-setgħa ta' organizzazzjoni interna li huwa għandu skont l-Artikolu 232 TFUE, il-Parlament iddeċieda, kif jidher fl-Artikolu 9(12) tar-Regoli ta' Proċedura, li t-talbiet ta' tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament kellhom jiġu kkomunikati lil awtoritajiet ġudizzjarji jew mir-rappreżentanza permanenti ta' Stat Membru, mingħajr ma jsir riferiment għad-dritt nazzjonali. Din id-dispożizzjoni, li l-legalità

tagħha ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti, għet osservata f'dan il-każ, peress li t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità għew ikkomunikati lill-Parlament mill-President tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), kif huwa mfakkar fl-ewwel inċiż tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

- 78 Għaldaqstant, l-ilment imsemmi fil-punt 76 iktar 'il fuq għandu jiġi miċħud.
- 79 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-awtorità kompetenti sabiex toħroġ talba għat-tneħħija tal-immunità, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura, il-President għandu l-obbligu li jikkomunika f'seduta plenarja u li jibgħat lill-kumitat kompetenti kull talba għat-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament li tkun saritlu minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru. Skont l-Artikolu 9(8) tal-imsemmija regoli, meta l-kumitat kompetenti tal-Parlament jeżamina din it-talba, huwa jista' jagħti opinjoni motivata dwar il-kompetenza tal-awtorità inkwistjoni u dwar l-ammissibbiltà tat-talba. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, huwa l-Parlament li għandu jiżgura ruħu mill-kompetenza tal-awtorità li tkun ressqet it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità.
- 80 Fl-assenza ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tiddetermina l-awtorità kompetenti sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament, huwa kull Stat Membru, fil-kuntest tal-awtonomija proċedurali tiegħu, li għandu jinnominaha. Għalhekk, tali indikazzjoni taqa' esklużivament taħt id-dritt nazzjonali.
- 81 F'dan ir-rigward, il-Parlament talab lil kull Stat Membru jidentifika l-awtorità kompetenti sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament. Permezz ta' notifika tal-11 ta' Ġunju 2014, indirizzata lill-President tal-Parlament mir-rappreżentant permanenti tar-Renju ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea, il-Gvern Spanjol indika li, fl-assenza ta' dispożizzjoni fid-dritt Spanjol li tidentifika din l-awtorità, seta' jitqies, b'mod purament indikattiv, li din kienet l-istess awtorità bħal dik li kienet kompetenti fil-qasam tat-talba għat-tneħħija tal-immunità tad-deputati u tas-senaturi Spanjoli, jiġifieri l-President tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema).
- 82 Fit-tieni notifika tat-30 ta' Settembru 2020, il-Gvern Spanjol ippreċiża li l-Artikolu 71 tal-Kostituzzjoni Spanjola (ara l-punt 45 iktar 'il fuq) u l-Artikolu 57 tal-Ley Orgánica 6/1985 del Poder Judicial (il-Liġi Organika 6/85 dwar is-Setgħa Ġudizzjarja) kienet tafda l-proċeduri kriminali fil-konfront tad-deputati u tas-senaturi Spanjoli lit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) u li, f'dan il-kuntest u fid-dawl ta' preċedenti reċenti, il-President tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), li jaġixxi permezz tal-President tal-imsemmi Tribunal, kien ġie identifikat bħala li huwa l-awtorità kompetenti fil-qasam tat-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament Ewropew.
- 83 F'dan il-każ, fil-punt I tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Parlament indika li l-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) kienet, skont id-dritt Spanjol kif interpretat mill-qrati nazzjonali u kkomunikat lill-Parlament mir-Renju ta' Spanja, l-awtorità kompetenti sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament.
- 84 Ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt li n-notifika tat-30 ta' Settembru 2020 tirrifletti l-istat tal-ġurisprudenza nazzjonali dwar l-awtorità kompetenti sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament, elett għar-Renju ta' Spanja. Is-sentenzi invokati mir-rikorrenti li fihom it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tikkonstata n-nuqqas ta' kompetenza tagħha sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament jikkonċernaw fil-fatt il-każ ta' membri tal-Parlament Ewropew mhux eletti għar-Renju ta' Spanja. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament ma eżawrixiex l-istħarriġ li huwa kien obligat iwettaq f'dan ir-rigward billi sostna li,

- fid-dawl tal-elementi li huma kienu pproduċew quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, huwa kellu jeżamina jekk din il-ġurisprudenza nazzjonali kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Karta, u dan, iktar u iktar peress li hija bbażata fuq interpretazzjoni tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7.
- 85 Preliminarjament, għandu jifakkar li, skont l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 13(2) TUE, il-Parlament jaġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilu mit-Trattati. Issa, ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-Protokoll Nru 7, ma tagħti kompetenza lill-Parlament sabiex jevalwa l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-għażliet magħmula mill-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti sabiex tressaq talba għat-tneħħija tal-immunità, li taqa' taħt id-dritt nazzjonali (ara l-punt 80). Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeċiedu dwar l-imsemmija konformità, jekk ikun il-każ, wara rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.
- 86 Sussegwentement, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest (C-219/17, EU:C:2018:1023), invokata mir-rikorrenti hija irrilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, din tirrigwarda l-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-ftuħ, tal-atti preparatorji jew tal-proposti mhux vinkolanti adottati mill-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi li jwasslu għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qrati tal-Unjoni biss kellhom ġurisdiżjoni sabiex jeżerċitaw s'harrig tal-legalità tad-deċiżjoni finali, li kien jinkludi l-eżami tad-difetti potenzjali li jivvizzjaw il-legalità tal-imsemmija atti intermedjarji li huma ta' natura li jaffettwaw il-validità ta' din id-deċiżjoni finali (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest, C-219/17, EU:C:2018:1023, punti 43 u 44). Madankollu, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità kontenzjużi jaqgħu fil-kuntest ta' proċedura kriminali mmexxija fuq livell nazzjonali, li fiha s-setgħa deċiżjonali finali tappartjeni lill-qorti nazzjonali kompetenti. Għaldaqstant, dawn ma jikkostitwixxux att preparatorju, ta' ftuħ jew proposta mhux vinkolanti adottat mill-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi li jwasslu għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni fis-sens tal-imsemmija sentenza, li huwa l-Parlament u, jekk ikun il-każ, il-Qorti Ġenerali, li għandu jistħarreġ ir-regolarità tiegħu. Barra minn hekk, ir-rikorrenti kkontestaw ir-regolarità tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tagħhom quddiem il-qrati Spanjoli.
- 87 Bl-istess mod, is-sentenzi tas-17 ta' Mejju 1972, Meinhardt vs Il-Kummissjoni (24/71, EU:C:1972:37), u tal-5 ta' Mejju 2021, Falqui vs Il-Parlament (T-695/19, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2021:242), invokati mir-rikorrenti ma humiex rilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, dawn il-kawżi jikkonċernaw sitwazzjonijiet li fihom istituzzjoni tal-Unjoni timplimenta leġiżlazzjoni nazzjonali li għaliha jirreferi d-dritt tal-Unjoni. Dan ma huwiex il-każ tal-Parlament peress li, meta jiddeċiedi dwar talba għat-tneħħija tal-immunità, huwa għandu jivverifika jekk ġiex adit minn awtorità nazzjonali kompetenti.
- 88 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma humiex fondati li jsostnu li l-Parlament kien obligat jevalwa l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-ġurisprudenza Spanjola dwar l-awtorità kompetenti sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament Ewropew elett għar-Renju ta' Spanja.
- 89 Għalhekk, it-tieni motiv għandu jiġi miċhud bħala infondat.



*Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' kooperazzjoni leali, tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-drittijiet tad-difiża minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati*

- 90 Ir-rikorrenti jsostnu li l-prinċipju ta' ċertezza legali ġie miksur, peress li l-portata tad-deċiżjonijiet ikkontestati ma hijiex ċara u minn dan jirriżulta ksur tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-drittijiet tad-difiża tagħhom kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali tal-Parlament fir-rigward tal-Istati Membri.
- 91 Essenzjalment, il-ħames motiv, sa fejn jikkonċerna l-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, huwa bbażat fuq żewġ ilmenti. L-ewwel ilment huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma jippreċiżawx jekk il-portata tagħhom għandhiex jew le tkun limitata għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej pendenti meta t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jkunu tressqu, jiġifieri l-proċeduri mmexxija fil-Belġju u fir-Renju Unit. It-tieni lment huwa bbażat fuq il-fatt li l-Parlament, għall-ewwel darba, neħħa biss l-immunità prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, mingħajr ma ppreċiża kif din it-tneħħija tal-immunità kienet marbuta maż-żamma tal-immunità prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 ta' dan il-protokoll.
- 92 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jikkontestaw dawn l-argumenti.
- 93 Preliminarjament, għandu jinfakkar li l-prinċipju ta' ċertezza legali, li jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, huwa intiż li jiggarantixxi l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u tar-relazzjonijiet ġuridiċi li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Huwa jeżiġi b'mod partikolari li kull att adottat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkun ċar u preċiż, sabiex jippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu b'eżattezza d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minnhom u li jaġixxu b'konsegwenza ta' dan (ara s-sentenzi tal-10 ta' April 2014, *Areva et vs Il-Kummissjoni*, C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257, punt 128 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-7 ta' Marzu 2018, *Gollnisch vs Il-Parlament*, T-624/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:121, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tal-proċeduri intiżi għat-tneħħija tal-immunità*

- 94 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma humiex ċari sa fejn ma jippreċiżawx il-proċeduri intiżi għat-tneħħija tal-immunità. Skont ir-rikorrenti, peress li t-tneħħija tal-immunità tagħhom intalbet sabiex titkompla l-eżekuzzjoni matul il-mandati ta' arrest Ewropej, id-deċiżjonijiet ikkontestati jistgħu jawtorizzaw biss it-tkomplija ta' din l-eżekuzzjoni fil-Belġju fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni rikorrent u fir-Renju Unit fir-rigward tat-tielet rikorrent, u mhux l-eżekuzzjoni tal-imsemmija mandati fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. Minn dan huma jisiltu l-konsegwenza li, peress li l-awtoritajiet tar-Renju Unit abbandunaw l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra t-tielet rikorrent, ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors, sa fejn dan ġie ppreżentat minn din tal-aħħar.
- 95 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, skont il-punt 1 tad-dispożittiv tagħhom, id-deċiżjonijiet ikkontestati jneħħu l-immunità tar-rikorrenti prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, jiġifieri l-immunità mogħtija fit-territorju ta' kull Stat Membru minbarra r-Renju ta' Spanja, mingħajr ma ssir ebda selezzjoni ta' dawn l-Istati.

96 Sussegwentement, għandu jifakkar li d-deċiżjonijiet ikkontestati jsegwu talbiet għat-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti li tressqu permezz ta' żewġ digrieti tal-10 ta' Jannar 2020 (l-ewwel u t-tieni rikorrent) u tal-4 ta' Frar 2020 (it-tielet rikorrent) tal-qorti istrutturja tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema). Fit-tfakkir tal-fatti ta' dawn id-digrieti, hija b'mod partikolari riprodotta silta mid-digrieti tal-10 ta' Jannar 2020 (l-ewwel żewġ rikorrenti) u tat-3 ta' Frar 2020 (it-tielet rikorrent) li permezz tagħhom il-qorti istrutturja tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati kontra d-digrieti tal-14 ta' Ottubru u tal-4 ta' Novembru 2019 li ħarġu l-mandati ta' arrest fir-rigward tar-rikorrenti. F'dan l-estratt, huwa indikat b'mod partikolari li t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità huma intiżi sabiex l-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej tkun tista' "titkompla". Din l-indikazzjoni hija riprodotta fil-punt P tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Fil-motivi tad-digrieti ċċitati iktar 'il fuq tal-10 ta' Jannar u tal-4 ta' Frar 2020, huwa indikat, b'mod partikolari, li t-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, hija mitluba peress li din l-immunità tipprekludi li l-mandati ta' arrest Ewropej maħruġa kontra r-rikorrenti jkunu jistgħu jiġu eżegwiti. Jissemma wkoll li t-tneħħija tal-immunità tiffaċilita l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ma għandhomx bażi sabiex isostnu li t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità kienu intiżi biss sabiex jippermettu l-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej fil-Belġju u fir-Renju Unit.

97 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx bażi sabiex isostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati, moqrija indipendentement jew frabta mat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, ma humiex ċari fir-rigward tal-proċeduri li abbażi tagħhom tneħħiet l-immunità. Għaldaqstant l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

– *Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tan-natura tal-miżuri li jistgħu jiġu adottati fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej*

98 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma humiex ċari fir-rigward tal-miżuri eżatti li jistgħu jiġu adottati fil-kuntest tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej. Huma jsostnu li dawn id-deċiżjonijiet ma għandhomx jippermettu l-adozzjoni ta' kull limitazzjoni għal-libertà tagħhom peress li jkomplu jibbenefikaw mill-immunità prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, kuntrarjament għal dak li jallega r-Renju ta' Spanja. L-interpretazzjonijiet differenti dwar dan il-punt tal-Parlament, tar-Renju ta' Spanja u tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni Taljani jikkonfermaw dan in-nuqqas ta' ċarezza. Ir-rikorrenti jenfasizzaw ukoll in-natura ġdida tad-deċiżjonijiet ikkontestati li fihom il-Parlament ineħħi l-immunità prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 mingħajr ma jiddeċiedi dwar l-eżitu tal-immunità prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 ta' dan il-protokoll, u b'hekk joħloq inċertezza legali totali.

99 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li l-privileġġi u l-immunitajiet irrikonossuti lill-Unjoni mill-Protokoll Nru 7 huma ta' natura funzjonali sa fejn dawn huma intiżi li jevitaw li jkun hemm ostakolu għall-funzjonament u għall-indipendenza tal-Unjoni, li jimplika, b'mod partikolari, li dawn il-privileġġi u l-immunitajiet jingħataw esklużivament fl-interess ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, id-digriet tad-29 ta' Marzu 2012, Gollnisch vs Il-Parlament, C-569/11 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2012:199, punt 29, u s-sentenza tat-30 ta' Novembru 2021, LR Ġenerālprokuratūra, C-3/20, EU:C:2021:969, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, l-immunitajiet huma intiżi li jiżguraw lill-Parlament protezzjoni sħiħa u effettiva kontra l-ostakoli jew ir-riskji ta' preġudizzju għall-funzjonament tajjeb u għall-indipendenza tiegħu (ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies, C-502/19, EU:C:2019:1115,

punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, huwa l-Parlament, fl-eżerċizzju tas-setgħat li għandu, li għandu jiżgura l-effettività ta' dawn l-immunitajiet (sentenza tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs Il-Parlament, T-42/06, EU:T:2010:102, punt 107). Għal dan il-għan, konformement mad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 5(2) u tal-Artikolu 6 tar-Regoli ta' Proċedura (ara l-punti 42 u 43 iktar 'il fuq), meta jeżamina talba għat-tneħħija tal-immunità, il-Parlament għandu jipprova jżomm l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijethom.

- 100 Sussegwentement, meta l-Parlament jiġi adit b'talba għat-tneħħija tal-immunità ta' wieħed mill-membri tiegħu, huwa għandu, wara li jkun ġie informat, jekk ikun il-każ, kemm mill-Istat Membru kif ukoll mill-membru kkonċernat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(5) u (6) tar-Regoli ta' Proċedura, jevalwa s-sitwazzjoni ta' dan il-membru fid-dawl tal-fatti li wasslu għal din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Parlament għandu, fl-ewwel lok, jivverifika jekk dawn il-fatti jistgħux ikunu koperti mill-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7, bħala dispożizzjoni speċjali. Jekk iva, il-Parlament għandu jikkonstata li t-tneħħija tal-immunità hija impossibbli. Huwa biss jekk din l-istituzzjoni tikkonkludi fin-negattiv li hija għandha tivverifika, fit-tieni lok, jekk il-membru tal-Parlament ikkonċernat jibbenefikax mill-immunità prevista fl-Artikolu 9 tal-Protokoll għall-fatti inkwistjoni u, jekk dan ikun il-każ, li tiddeċiedi jekk hemmx lok jew le li titneħħa din l-immunità abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 (digriet tat-12 ta' Novembru 2020, Jalkh vs Il-Parlament, C-792/18 P u C-793/18 P, mhux ippubblikat, EU:C:2020:911, punt 33, u s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs Il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, EU:T:2013:23, punti 46 u 47).
- 101 F'dan il-każ, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Parlament indika, fil-punt A, li t-talba għat-tneħħija tal-immunità kienet ibbażata fuq il-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7.
- 102 Skont il-proċedura deskritta fil-punt 100 iktar 'il fuq, il-Parlament eżamina jekk il-fatti allegati fil-konfront tar-rikorrenti fil-proċedura kriminali inkwistjoni kinux jaqgħu taħt l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 u kkonkluda fin-negattiv fil-punt J tad-deċiżjonijiet ikkontestati.
- 103 Sussegwentement, fir-rigward tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, b'mod partikolari sa fejn it-talba għat-tneħħija tal-immunità kienet intiża għat-tneħħija ta' ostakolu li jipprekludi l-arrest tar-rikorrenti minn Stat Membru li ma huwiex ir-Renju ta' Spanja, bl-għan tal-konsenja tagħhom lil dan tal-aħħar għall-finijiet tat-tkomplija tal-proċeduri kriminali inkwistjoni, il-Parlament ippreveda l-immunità prevista fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-imsemmi protokoll. Huwa rrileva, fil-punt M tad-deċiżjonijiet ikkontestati, li, skont it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, l-Artikolu 71 tal-Kostituzzjoni Spanjola ma kienx jimponi li tinkiseb awtorizzazzjoni parlamentari sabiex titkompla l-proċedura kriminali fir-rigward ta' persuna li kisbet il-kwalità ta' parlamentari wara l-akkuża tagħha u li, għaldaqstant, ma kienx neċessarju li tintalab it-tneħħija tal-immunità prevista f'din id-dispożizzjoni. Huwa żied, fil-punt N, li ma kienx il-kompitu tal-Parlament li jinterpreta r-regoli nazzjonali dwar l-immunitajiet tal-membri tal-Parlament. B'dan il-mod, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta mill-Parlament, dan ħa nota tal-fatt li d-dritt Spanjol, kif interpretat mill-qrati Spanjoli, applikabbli minħabba r-riferiment magħmul mill-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, ma jaqgħax immunità lir-rikorrenti fir-rigward tal-fatti inkwistjoni.

- 104 Fl-aħħar nett, abbażi tal-punt O tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Parlament eżamina jekk kienu hemm lok, kif intalab jagħmel, li jneħħi l-immunità tar-rikorrenti prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7. Huwa kkonkluda fl-affermattiv fl-ewwel punt tad-dispożittiv.
- 105 Sa fejn, fil-kuntest tas-setgħat tiegħu dwar l-immunitajiet, il-Parlament għandu jiżgura l-effettività tagħha, mid-deċiżjonijiet ikkontestati jirriżulta impliċitament iżda neċessarjament li huwa qies li kienet biss l-immunità prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 li kienet tikkostitwixxi ostakolu għall-arrest tar-rikorrenti u għall-konsenja tagħhom lill-awtoritajiet Spanjoli b'applikazzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej kontenzjużi u li din kellha titneħħa.
- 106 Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, is-silenzju tad-deċiżjonijiet ikkontestati dwar l-immunità prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 ma huwiex ta' natura li jagħtihom natura ambigwa. Fil-fatt, minn naħa, fl-istat attwali tal-prattika tiegħu, il-Parlament jinsab f'sessjoni kontinwa mill-ftuħ tal-ewwel sessjoni sal-għeluq tagħha li jseħħ fl-istess ħin mal-ftuħ tal-ewwel sessjoni li tinżamm wara l-elezzjoni li jmiss. L-immunità prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, li tapplika matul is-sessjonijiet tal-Parlament, tkopri għalhekk il-membri tiegħu matul il-perijodu kollu tal-mandat tagħhom (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Junqueras Vies, C-502/19, EU:C:2019:958, punt 83). Min-naħa l-oħra, sa fejn tiggarantixxi lil kull membru tal-Parlament il-possibbiltà li jmur mingħajr ostakoli għall-ewwel laqgħa tal-leġiżlatura l-ġdida u li jwettaq il-passi neċessarji sabiex jikseb il-pussess tal-mandat tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies, C-502/19, EU:C:2019:1115, punti 85 u 86), l-immunità prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 ma kinitx inkwistjoni f'dan il-każ sa fejn l-awtoritajiet Spanjoli kompetenti, meta talbu t-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti, kienu rrikonoxxew il-kwalità tagħhom ta' membru tal-Parlament u dawn tal-aħħar kienu jeżerċitaw il-mandat tagħhom.
- 107 Fid-dawl tal-elementi msemmija fil-punt 106 iktar 'il fuq, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, u indipendentement mill-iżviluppi tal-Parlament esposti matul din il-proċedura u mill-proċeduri għal miżuri provviżorji, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 ma kienx jagħti lir-rikorrenti protezzjoni awtonoma meta mqabbla ma' dik li kienu jibbenefikaw minnha skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-imsemmi protokoll.
- 108 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċhud.
- 109 Konsegwentement, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud sa fejn huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u, sa fejn l-ilmenti bbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-drittijiet tad-difiża huma esklużivament ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

*Fuq is-sitt motiv, sa fejn huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 343 TFUE, tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura, kif ukoll ta' ċerti drittijiet fundamentali tar-rikorreni*

- 110 Permezz tas-sitt motiv, ir-rikorreni jsostnu b'mod partikolari li d-deċiżjonijiet ikkontestati ġew adottati bi ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-dritt tal-Parlament li jneħħi l-immunità, jiġifieri, minn naħa, l-Artikolu 343 TFUE, l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura u, min-naħa l-oħra, ċerti dispożizzjonijiet tal-Karta.
- 111 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jikkontestaw l-argumenti tar-rikorreni.
- 112 Preliminarjament, għandu jittfakkar li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 jipprovdi li “[l]-immunità [...] ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu”, mingħajr ma jispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom il-Parlament għandu jevalwa jekk għandhiex titneħħa l-immunità jew le. Il-Parlament għandu għalhekk setgħa diskrezzjonali wiesgħa ħafna fir-rigward tal-orjentazzjoni li huwa għandu l-intenzjoni li jagħti lil deċiżjoni li ssegwi talba għat-tneħħija tal-immunità minħabba n-natura politika li għandha tali deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs Il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, EU:T:2013:23, punt 59, u tat-12 ta' Frar 2020, Bilde vs Il-Parlament, T-248/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:46, punt 19).
- 113 F'dan ir-rigward, ir-Regoli ta' Proċedura jipprovdu, fl-Artikolu 6(1) tagħhom, li “[k]ull talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tiġi eżaminata skont l-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipji li hemm referneza għalihom fl-Artikolu 5(2)”. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, “[f]l-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu rigward il-privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu jaġixxi biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom”.
- 114 Ebda dispożizzjoni oħra ma tirregola l-kriterji sostantivi għall-eżami tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità. F'dan il-kuntest, il-kumitat inkarigat mill-investigazzjoni tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità u jippreżenta proposta għal deċiżjoni motivata lill-Parlament skont l-Artikolu 9(4) tar-Regoli ta' Proċedura (ara l-punt 44 iktar 'il fuq) bagħat diversi komunikazzjonijiet lill-membri tiegħu li jidentifikaw il-prinċipji li hija kellha l-intenzjoni ssegwi fir-rigward tal-każijiet ta' immunità. L-aħħar waħda hija l-komunikazzjoni lill-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-prinċipji applikabbli għat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, tad-19 ta' Novembru 2019 (iktar 'il quddiem il-“Komunikazzjoni Nru 11/2019”). Għalhekk, fil-punti 41 sa 44 tagħha, din il-komunikazzjoni tipprevedi, essenzjalment, li, meta l-Parlament jiġi adit b'talba għat-tneħħija tal-immunità abbażi ta' fatti li ma humiex koperti mill-immunità prevista fl-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7, iżda mill-immunità prevista fl-Artikolu 9 ta' dan il-protokoll, huwa għandu jneħħi l-immunità sakemm ma jikkonstatax l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri jekk jirriżulta li l-għan tal-proċeduri nazzjonali huwa li jippreġudika l-attività politika tal-membri tal-Parlament u, għaldaqstant, l-indipendenza tal-Parlament. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Parlament ikkonferma li din il-komunikazzjoni kienet tirrifletti l-prattika effettivament segwita għall-eżami ta' talba għat-tneħħija tal-immunità.

- 115 Għandu jifakkar ukoll li l-privileġġi u l-immunitajiet, irrikonoxxuti lill-Unjoni mill-Protokoll Nru 7, huma ta' natura funzjonali sa fejn huma intiżi li jevitaw li jkun hemm ostakolu għall-funzjonament u għall-indipendenza tal-Unjoni, li jimplika, b'mod partikolari, li dawn il-privileġġi u l-immunitajiet jingħataw esklużivament fl-interess ta' din tal-aħħar (ara l-punt 99 iktar 'il fuq).
- 116 Fir-rigward tal-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjonijiet adottati mill-Parlament wara talba għat-tneħħija tal-immunità, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika l-osservanza tar-regoli ta' proċedura, l-eżattezza materjali tal-fatti kkonstatati mill-istituzzjoni, l-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew l-assenza ta' użu ħażin ta' poter (ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs Il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, EU:T:2013:23, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tal-1 ta' Diċembru 2021, Jalkh vs Il-Parlament, T-230/21, mhux ippubblikata, EU:T:2021:848, punt 24).

– *Fuq l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 343 TFUE, tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura*

- 117 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament kiser il-limiti tad-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 343 TFUE, tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura.
- 118 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li, bi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 117 iktar 'il fuq, u b'mod partikolari tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Parlament ma eżaminax jekk it-tneħħija tal-immunità tagħhom setgħetx tippreġudika l-interessi tal-Unjoni u b'mod partikolari l-integrità jew l-indipendenza tal-Parlament. Għalhekk, huwa ma pprevediex il-konsegwenzi potenzjali ta' tneħħija tal-immunità fuq l-eżerċizzju tal-mandat parlamentari tagħhom, minkejja li din setgħet twassal għall-arrest u għad-detenzjoni provviżorja tagħhom.
- 119 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Parlament, permezz tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, iddefinixxa l-prinċipji li huwa kellu l-intenzjoni li jsegwi sabiex jiddetermina jekk tneħħija tal-immunità tippreġudikax l-indipendenza jew l-integrità tiegħu. B'hekk huwa adotta l-kriterju ta' *fumus persecutionis*, peress li l-immunità prevista fl-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 titneħħa jekk il-Parlament iqis li ma hemmx prova li l-proċeduri ġudizzjarji kontra l-membri tal-Parlament inkwistjoni nbdew sabiex jagħmlu ħsara lill-attività politika tiegħu u, għaldaqstant, tal-Parlament. Matul il-proċedura, il-Parlament indika li dan il-kriterju kien ġie ddeterminat b'teħid inkunsiderazzjoni kemm tal-għan ta' salvagwardja tal-indipendenza tiegħu u tal-funzjonament tajjeb tiegħu kif ukoll tal-osservanza neċessarja tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, li jipprovdi li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati.
- 120 Minn dan isegwi li, billi eskluda l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*, il-Parlament neċessarjament qies li tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti ma kinitx tippreġudika l-interessi tiegħu, b'mod partikolari l-funzjonament tajjeb tiegħu u l-indipendenza tiegħu.
- 121 Skont ir-rikorrenti, tali konklużjoni hija żbaljata peress li d-deċiżjonijiet ikkontestati jċaħħduhom minn immunità neċessarja għat-twettiq tal-missjoni tagħhom, bi ksur tal-Artikolu 343 TFUE, fid-dawl tar-riskju li huma jiġu mċaħħda mil-libertà tagħhom wara l-konsenja tagħhom lill-awtoritajiet Spanjoli u, għaldaqstant, inkapaċi li jeżerċitaw il-mandat tagħhom.

- 122 Tali argument jirriżulta madankollu minn konfużjoni bejn l-immunitajiet li għandhom il-membri tal-Parlament, li għandhom jiggarrantixxu li l-Parlament huwa f'pożizzjoni li jwettaq il-missjoni tiegħu, u d-dritt tal-Parlament, previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, li jneħħi l-immunità parlamentari. Għalkemm, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19, EU:C:2019:1115, punt 76), l-Unjoni u, b'mod partikolari, il-membri tal-istituzzjonijiet tagħha għandhom, skont l-Artikolu 343 TFUE, jibbenefikaw mill-immunitajiet neċessarji għat-tweqqif tal-missjoni tagħhom, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tfisser li l-immunità ta' membru tal-Parlament qatt ma tista' titneħħa jekk it-tkomplija tal-proċedura li abbażi tagħha tkun intalbet it-tneħħija tal-immunità tista' tostakola l-eżerċizzju tal-mandat tiegħu, jew saħansitra, fi tmiem din il-proċedura, twassal għat-telf tiegħu. Tali interpretazzjoni ċċaħħad minn kull effett utli t-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7.
- 123 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati ġew adottati bi ksur tal-immunitajiet previsti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7.
- 124 L-ewwel, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati jiksru l-punti (a) u (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, sa fejn huma intiżi li jippermettu l-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest nazzjonali u Ewropej maħruġa bi ksur flagranti ta' dawn id-dispożizzjonijiet.
- 125 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-eżami tiegħu tat-talba għat-tneħħija tal-immunità, kif ġie indikat fil-punt 100 iktar 'il fuq, huwa l-Parlament li għandu jivverifika jekk il-membri tal-Parlament ikkonċernat jibbenefikaw mill-immunità prevista fl-Artikolu 9 tal-Protokoll u, jekk dan ikun il-każ, li jiddeċiedi jekk hemmx lok jew le li jneħħi din l-immunità abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7. Huwa japplika, għal dan l-għan, il-kriterju ta' *fumus persecutionis*.
- 126 Min-naħa l-oħra, ma huwiex il-kompitu tal-Parlament li jevalwa l-legalità tal-atti adottati mill-awtoritajiet ġudizzjarji matul il-proċedura inkwistjoni, peress li din il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali.
- 127 Minn dan isegwi li ma huwiex il-Parlament, fil-kuntest tal-eżami tiegħu tat-talba għat-tneħħija tal-immunità, li għandu jiddeċiedi dwar il-legalità tal-mandati ta' arrest nazzjonali u Ewropej adottati fil-kuntest tal-proċeduri kriminali inkwistjoni. Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, id-deċiżjonijiet ikkontestati ma għandhom ebda effett ta' validazzjoni jew ta' legalizzazzjoni tal-imsemmija mandati.
- 128 It-tieni, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati huma bbażati b'mod żbaljat fuq il-konstatazzjoni li huma ma jibbenefikaw minn ebda immunità skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7. Fil-fehma tagħhom, essenzjalment, skont id-dritt Spanjol li għalih jirreferi dan l-artikolu, persuna li tkun ġiet akkużata qabel ma tkun kisbet il-kwalità ta' membru parlamentari Spanjol tibbenefika minn immunità. Insostenn tal-allegazzjoni tagħhom, huma jsostnu l-Artikolu 71(2) tal-Kostituzzjoni Spanjola, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 751 l-Artikolu 753 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali kif ukoll l-Artikolu 22(1) tar-Regoli tas-Senat.
- 129 F'dan ir-rigward, diġà ġie kkonstatat, fil-punt 103 iktar 'il fuq, li, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Parlament ħa nota li d-dritt Spanjol, kif huwa interpretat mill-qradi Spanjoli, applikabbli minħabba r-riferiment magħmul mill-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, u li huwa rrifjuta li jinterpreta, ma jagħtix immunità lir-rikorrenti fir-rigward tal-fatti

inkwistjoni. Waqt is-seduta, il-Parlament indika li, matul il-fażi istrutturja tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, huwa ma kien fil-pussess ta' ebda element ta' natura li jikkontesta l-fatt li, fl-istat tal-ġurisprudenza nazzjonali, ir-rikorrenti ma kinux jibbenefikaw mill-immunità prevista fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u li, fil-każ kuntrarju, huwa kien jitlob kjarifiki mingħand l-awtoritajiet Spanjoli.

- 130 Sa fejn, skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, il-portata tal-immunità li jgawdu minnha l-membri tal-Parlament fit-territorju nazzjonali tagħhom huma ddeterminati mid-diversi drittijiet nazzjonali li għalihom jirreferi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs Il-Parlament, T-42/06, EU:T:2010:102, punt 106), ir-rikorrenti ma jstgħux isostnu li l-Parlament wettaq żball ta' liġi meta rrefera għad-dritt nazzjonali kif huwa interpretat mill-qrati nazzjonali.
- 131 Barra minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti jinvolkaw diversi dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, huma ma stabbilixxewx li l-Parlament wettaq żball meta rrileva li d-dritt nazzjonali, kif jirriżulta b'mod partikolari minn dawn id-dispożizzjonijiet, kien interpretat mill-qrati nazzjonali bħala li ma jimplikax il-kisba ta' awtorizzazzjoni parlamentari sabiex titkompla l-proċedura kriminali fil-konfront ta' persuna li, bħar-rikorrenti, ġiet eletta wara l-akkuża tagħha.
- 132 It-tielet, ir-rikorrenti jsostnu li l-immunità prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 ma setgħetx titneħħa mingħajr ma titneħħa wkoll l-immunità prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-imsemmi protokoll, taħt piena ta' ksur ta' din it-tieni dispożizzjoni.
- 133 Issa, huwa biżżejjed li jifakkar li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, b'mod partikolari sa fejn ir-Renju ta' Spanja kien irrikonoxxa l-kwalità ta' membru tal-Parlament lir-rikorrenti, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 ma kienx jagħtihom protezzjoni awtonoma meta mqabbla ma' dik li kienu jibbenefikaw minnha skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-imsemmi protokoll (ara l-punt 107 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun isostnu li d-deċizzjonijiet ikkontestati ġew adottati bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7.
- 134 Konsegwentement, l-ilment ibbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 343 TFUE, tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi miċħud bħala infondat.

– *Fuq l-indhġil illegali fid-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*

- 135 Ir-rikorrenti jqisu, essenzjalment, li, peress li l-immunità parlamentari hija garanzija kruċjali tar-rispett tad-dritt tagħhom li jeżerċitaw il-mandat tagħhom iggarantit mill-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-“KEDB”), u tad-dritt ta' eliġibbiltà stabbilit fl-Artikolu 39(2) tal-Karta, moqri fid-dawl tal-Artikoli 6, 45 u 48 tagħha u tal-Artikolu 21 TFUE, it-tneħħija tagħha tikkostitwixxi ndhġil f'dawn id-drittijiet suġġett għall-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 52 tal-Karta.
- 136 Preliminarjament, għandu jifakkar li l-Artikolu 39(2) tal-Karta, li jipprovdi li “[l]-membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu eletti b'vot dirett universali li hu liberu u sigriet”, jiggarrantixxi d-dritt ta' eliġibbiltà għall-elezzjonijiet tal-Parlament. Id-dritt ta' eliġibbiltà jkopri



d-dritt ta' kull individwu li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet u, ladarba jiġi elett, li jeżerċita l-mandat tiegħu (ara, fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB, il-Qorti EDB, 11 ta' Ġunju 2002, *Sadak et vs It-Turkija* (Nru 2), CE:ECHR:2002:0611JUD002514494, punt 33).

137 Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta:

“1. Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-oġettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.”

138 Issa, l-immunità ma tistax tikkostitwixxi dritt fundamentali rrikonoxxut lill-membri tal-Parlament Ewropew peress li tingħata esklużivament fl-interess tal-Parlament (ara l-punt 99 iktar 'il fuq). Il-fatt li deċiżjoni ta' tneħħija tal-immunità tbiddel is-sitwazzjoni legali tal-membri tal-Parlament inkwistjoni bis-sempliċi effett tat-tneħħija tal-protezzjoni mogħtija lill-mill-Protokoll Nru 7, billi tistabbilixxi mill-ġdid, fir-rigward tiegħu, l-istatus ta' persuna suġġetta għad-dritt komuni tal-Istati Membri u billi tesponih, mingħajr ma tkun neċessarja ebda miżura intermedjarja, għal miżuri b'mod partikolari ta' detenzjoni u ta' proċeduri legali, stabbiliti minn dan id-dritt komuni (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs RQ*, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 45), huwa irrilevanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, dan il-fatt jimplika biss li r-rikorrenti jistgħu jikkontestaw id-deċiżjonijiet ikkontestati quddiem il-qorti tal-Unjoni.

139 B'mod partikolari, għalkemm l-immunità mogħtija lill-membri tal-Parlament Ewropew tgħin sabiex tiżgura l-effettività tad-dritt fundamentali li jikkostitwixxi d-dritt ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari billi tippermetti lill-persuni li ġew eletti membri tal-Parlament li jwettqu l-passi intiżi sabiex jieħdu pussess tal-mandat tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, EU:C:2019:1115, punt 86), hija ma tistax tiġi konfuża ma' dan id-dritt.

140 Barra minn hekk, it-tneħħija tal-immunità parlamentari fiha nnifisha ma għandha ebda konsegwenza fuq l-eżerċizzju tal-mandat. Hija intiża biss sabiex tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jkomplu proċeduri nazzjonali. Għalhekk, huma biss id-deċiżjonijiet li jkunu, jekk ikun il-każ, adottati mill-awtoritajiet nazzjonali fi tmiem din il-proċedura li jistgħu jwasslu għal limitazzjoni tal-eżerċizzju tal-mandat, jew għat-telf tiegħu, u, bħala tali, jikkostitwixxu ndħil fl-eżerċizzju tad-dritt ta' eliġibbiltà.

141 Għall-istess raġunijiet, deċiżjoni ta' tneħħija tal-immunità ma għandha ebda konsegwenza fuq il-libertà, b'mod partikolari ta' moviment liberu, tar-rikorrenti u lanqas ma tippreġudika d-dritt tagħhom għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza. F'dan ir-rigward, għandu jinfakkar li l-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-immunità parlamentari, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, humiex issodisfatti, fil-mument meta ssir it-talba, hija distinta minn dik li tikkonsisti f'li jiġi ddeterminat jekk il-fatti li bihom huma akkużati l-membri kkonċernati humiex stabbiliti, peress li din il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istat Membru (sentenza tas-17 ta' Settembru 2020, *Troszczynski vs Il-Parlament*, C-12/19 P, EU:C:2020:725, punt 57).

142 Konsegwentement, l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati jikkostitwixxu ndħil f'ċerti drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-KEDB u mill-Karta għandhom jiġu miċħuda bħala infondati. Konsegwentement, l-argument tagħhom intiż li jistabbilixxi li dan l-ndħil ma josservax ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 52(1) tal-Karta huwa ineffettiv u għandu jiġi miċħud għal din ir-raġuni.

143 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li s-sitt motiv, sa fejn huwa bbażat fuq il-ksur mill-Parlament tal-limiti li jirregolaw id-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità, għandu jiġi miċħud.

*Fuq is-sitt motiv, sa fejn huwa bbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi li jivvizzjaw l-eżami, mill-Parlament, tal-fumus persecutionis u fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament u fuq żbalji manifesti mwettqa mill-Parlament fl-evalwazzjoni tiegħu tal-fumus persecutionis*

144 Is-sitt motiv huwa b'mod partikolari bbażat, essenzjalment, fuq żbalji ta' liġi u ta' fatt li twettqu mill-Parlament fl-eżami tiegħu tal-fumus persecutionis. Fir-rigward tas-seba' motiv, dan huwa bbażat, minn naħa, fuq ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn il-Parlament tbiegħed, mingħajr motivazzjoni, mill-prassi preċedenti tiegħu fil-qasam tal-eżami tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità u, min-naħa l-oħra, fuq żbalji manifesti mwettqa mill-Parlament fl-evalwazzjoni tiegħu tal-fumus persecutionis.

145 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jikkontestaw dawn l-argumenti.

*– Fuq l-allegati żbalji ta' liġi u ta' fatt li jivvizzjaw l-eżami mill-Parlament tal-fumus persecutionis*

146 F'dan il-każ, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Parlament ippreveda l-immunità prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 mill-punt O u l-kwistjoni dwar jekk kienx hemm lok jew le li titneħħa din l-immunità mill-punt Q. B'mod partikolari, huwa kkonstata, fil-punt T, li l-akkuża mressqa kontra r-rikorrenti ma kinitx manifestament marbuta mad-dmirijiet tagħhom ta' membru tal-Parlament, iżda kienet relatata mal-funzjonijiet preċedenti tagħhom fil-Katalonja. Fil-punt U, huwa rrileva li persuni oħra li ma għandhomx il-kwalità ta' membri tal-Parlament Ewropew kienu wkoll tqiegħdu taħt investigazzjoni fir-rigward tal-istess fatti. Fil-punt V, huwa kkonstata li l-imsemmija fatti kienu twettqu matul is-sena 2017 u li l-proċeduri kriminali inkwistjoni fir-rigward tar-rikorrenti kienu nb dew filwaqt li l-kisba tal-kwalità ta' membru tal-Parlament minn dawn tal-aħħar kienet għadha ipotetika. Konsegwentement, il-Parlament qies, fil-punt W, li huwa ma setax jistabbilixxi li l-proċeduri ġudizzjarji inkwistjoni kienu nb dew sabiex jippreġudikaw l-attività politika tar-rikorrenti u, għaldaqstant, tiegħu.

147 L-ewwel, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati huma bbażati fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-għan tal-immunità parlamentari. Fil-fehma tagħhom, il-Parlament qies b'mod żbaljat li hija kienet tipproteġi lill-membru tal-Parlament biss kontra l-proċeduri ġudizzjarji li jirrigwardaw attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet parlamentari tiegħu jew li ma jistgħux jiġu sseparati minnhom. Għalhekk hija kkonkludiet b'mod żbaljat li l-fatt li l-proċeduri kriminali inkwistjoni ma kinux marbuta mal-qadi tad-dmirijiet parlamentari tagħhom kien jiġġustifika t-tneħħija tal-immunità tagħhom.

- 148 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-punt S tad-deċiżjonijiet ikkontestati jirriproduċi l-prinċipju li jinsab fil-punt 3 tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019, li jipprovdi li “[l]-immunità parlamentari għandha l-għan li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jistgħux jiġu mifruda minn dawn id-dmirijiet”.
- 149 Qabel kollox, għandu jitfakkar li l-immunità prevista fl-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 tkopri biss l-opinjoni espressi jew voti mogħtija mill-membri tal-Parlament fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-immunità prevista fl-Artikolu 9 tal-imsemmi protokoll tkopri lil dawn il-membri, matul is-sessjonijiet tal-Parlament, inkluż bħala fatti li ma għandhomx rabta mal-qadi tad-dmirijiet parlamentari. Il-portata ta' din l-immunità ma ġietx ikkontestata f'dan il-każ. Fil-fatt, huwa paċifiku li r-rikorrenti kienu koperti mill-immunità prevista fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, anki jekk il-proċeduri kriminali inkwistjoni kienu jirrigwardaw attivitajiet li ma humiex relatati mal-qadi tad-dmirijiet parlamentari.
- 150 Sussegwentement, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' *fumus persecutionis*, għandu jiġi kkonstatat li l-Parlament, indipendentement mill-formulazzjoni mhux inekwivoka tal-punt S, ma llimitax ruħu sabiex jikkonstata li l-fatti allegati fil-konfront tar-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura kriminali inkwistjoni kienu preċedenti għall-elezzjoni tagħhom fil-Parlament u, għaldaqstant, nieqsa minn rabta mal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-funzjonijiet parlamentari tagħhom. Barra minn hekk, waqt is-seduta l-Parlament irrikonoxxa li tali ċirkustanza ma tistax tkun determinanti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*.
- 151 Sabiex jikkonkludi favur l-assenza ta' *fumus persecutionis*, il-Parlament ibbaża ruħu fuq diversi elementi li, meqjusa flimkien, kienu, fil-fehma tiegħu, ta' natura li jeskludu l-eżistenza ta' każ ta' *fumus persecutionis*. Din hija ċ-ċirkustanza li l-fatti inkriminati twettqu fl-2017 filwaqt li r-rikorrenti kisbu l-kwalità ta' membru tal-Parlament fit-13 ta' Ġunju 2019, iżda wkoll ċirkustanzi li, minn naħa, huma ġew akkużati bihom fil-21 ta' Marzu 2018, jiġifieri f'mument meta l-kisba tal-istatus ta' membru tal-Parlament Ewropew kienet ipotetika u, min-naħa l-oħra, din l-akkuża kienet tikkonċerna wkoll persuni oħra, li ma kinux Membri tal-Parlament.
- 152 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-affermazzjoni ġenerali li tinsab fil-punt S tad-deċiżjonijiet ikkontestati ma ġietx implimentata fis-sens li t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament għandha tintlaqa' jekk din tkun intiża sabiex titkompla proċedura ġudizzjarja li tirrigwarda fatti li ma għandhomx rabta mal-qadi tad-dmirijiet parlamentari.
- 153 Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq l-eżistenza ta' żball ta' liġi għandu jiġi miċħud.
- 154 It-tieni, ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament ibbaża l-evalwazzjoni tiegħu tal-*fumus persecutionis* fuq żball ta' fatt fir-rigward tal-istat ta' progress tal-proċeduri kriminali inkwistjoni. Huma jsostnu li, fil-punt B tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Parlament qies b'mod żbaljat li l-fażi istruttoria tal-proċedura kriminali inkwistjoni kienet ingħalqet fil-konfront tagħhom, billi bbaża ruħu fuq żewġ digrieti tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), fosthom dik tal-25 ta' Ottubru 2018, li ma kinitx tikkonċernahom.

- 155 Għandu jittfakkar li, fil-punt B tagħhom, id-deċiżjonijiet ikkontestati jindikaw dan li ġej:
- “billi l-fatti li huma s-suġġett tal-akkuża twettqu fl-2017; li d-digriet ta’ akkuża f’din il-kawża ngħata fl-21 ta’ Marzu 2018 u ġie kkonfermat permezz ta’ digriet ulterjuri li jiċħdu l-appelli; li l-investigazzjoni ngħalqet permezz ta’ digriet tad-9 ta’ Lulju 2018, għeluq li ġie kkonfermat fil-25 ta’ Ottubru 2018; li, permezz ta’ digriet tad-9 ta’ Lulju 2018, ġie deċiż li [l-ewwel/it-tieni rikorrent/it-tielet rikorrent], fost oħrajn, kien irrifjuta li jidher u li jordna s-sospensjoni tal-kawża li tikkonċernah/a u li kien jikkonċerna persuni oħra sakemm hu/hi j/tinstab”.
- 156 Waqt is-seduta, ġie ppreċiżat li, minn naħa, it-tielet sentenza tal-punt B, li tgħid li “l-investigazzjoni ngħalqet permezz ta’ digriet tad-9 ta’ Lulju 2018, għeluq li ġie kkonfermat fil-25 ta’ Ottubru 2018” ma kinitx tikkonċerna lir-rikorrenti, iżda lill-persuni l-oħra kkonċernati mill-proċeduri kriminali inkwistjoni li ma kinux irrifjutaw li jidhru u li, min-naħa l-oħra, l-istat tal-proċeduri kriminali inkwistjoni fir-rigward tar-rikorrenti kien rifless fl-aħħar sentenza tal-punt B li jsemmi s-sospensjoni tal-proċedura. Ġie ppreċiżat ukoll li l-fażi istrutturja tal-proċedura kriminali ma kinitx ingħalqet fir-rigward tar-rikorrenti, peress li tali għeluq ma setax jiġi ordnat, skont id-dritt nazzjonali, mingħajr ma jinstemgħu l-akkużati.
- 157 Għaldaqstant, ir-rikorrenti għandhom raġun isostnu li l-punt B tad-deċiżjonijiet ikkontestati jbati minn żball ta’ fatt jew, tal-inqas, minn nuqqas ta’ ċarezza fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-fażi ta’ investigazzjoni tal-proċedura kriminali inkwistjoni kinitx ingħalqet fir-rigward tagħhom.
- 158 Skont ir-rikorrenti, dan l-iżball kellu effett fuq l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta’ *fumus persecutionis* peress li, kieku l-Parlament kien jaf li l-istruzzjoni kienet għadha għaddejja fir-rigward tagħhom, huwa seta’ jikkunsidra li l-ħruġ ta’ mandati ta’ arrest Ewropej fir-rigward tagħhom kien sproprjonat.
- 159 Madankollu, mill-punt B tad-deċiżjonijiet ikkontestati jirriżulta b’mod ċar li l-proċedura kriminali li tirrigwarda lir-rikorrenti, irrispettivament mill-istadju tagħha, ġiet sospiża minħabba r-rifjut tar-rikorrenti li jidhru quddiem l-awtoritajiet kompetenti u li huwa minħabba dan ir-rifjut u minħabba l-fatt li huma telqu mir-Renju ta’ Spanja li ntalbet it-tneħħija tal-immunità tagħhom, u dan sabiex l-eżekuzzjoni tal-mandati ta’ arrest Ewropej maħruġa fil-konfront tagħhom tkun tista’ tiġi kkunsidrata. Fir-rigward tal-koakkużati li deheru, l-istrutturja kienet magħluqa u kienet ingħatat sentenza ta’ kundanna.
- 160 F’dan il-kuntest, ma jidhirx li l-iżball jew, tal-inqas, in-nuqqas ta’ ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tal-istadju eżatt tal-proċedura kriminali inkwistjoni kellu effett fuq l-eżami tat-talba għat-tneħħija tal-immunità.
- 161 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ilment ibbażat fuq żbalji ta’ fatt u ta’ liġi mwettqa mill-Parlament fl-evalwazzjoni tiegħu tal-*fumus persecutionis* għandu jiġi miċħud bħala infondat.

– *Fuq il-ksur tal-prinċipji ta’ amministrazzjoni tajba u ta’ trattament ugwali*

- 162 Ir-rikorrenti jsostnu li, bi ksur ta’ prassi stabbilita, il-Parlament ma kkonkludix li kien jeżisti *fumus persecutionis* meta, l-ewwel, l-akkużi kienu manifestament infondati, it-tieni, l-eżistenza ta’ intenzjoni ċara li jiġu ppenalizzati l-membri tal-Parlament għall-attivitajiet politiċi tagħhom kienet ġiet stabbilita, it-tielet, il-mandati ta’ arrest inkwistjoni kienu nħarġu għat-tielet darba skont kalkoli politiċi tal-awtoritajiet Spanjoli, ir-raba’, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità kienu mmotivati mir-rieda li dawn jiġu preklużi milli jeżerċitaw il-mandat parlamentari tagħhom,

il-ħames, il-proċeduri kienu nb dew minn avversarju politiku, is-sitta, dawn kienu tressqu biss kontra membri tal-Parlament, is-seba', kienu jeżistu dubji serji fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom matul il-proċeduri kriminali inkwistjoni, it-tmienja, kien hemm diversi sejħiet intiżi sabiex jiġu imposti fuqhom sanzjonijiet eżemplari u, id-disa', l-Uffiċċju tal-Prosekutur kien għamel ċerti dikjarazzjonijiet pubbliċi lill-mezzi tax-xandir.

- 163 Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Parlament injora l-prassi tiegħu li l-immunità ma għandhiex titneħħa meta l-Istati Membri minbarra dak li l-membri ġie elett għalih jissanzjona b'mod inqas sever il-fatti kkritikati, kif ġie rrikonoxxut f'dan il-każ. Il-Parlament kiser ukoll il-prassi tiegħu li tikkonsisti, minn naħa, f'li ma titneħħiex l-immunità meta l-proċedura kriminali tirrigwarda akkużi marbuta ma' manifestazzjonijiet u laqgħat pubbliċi paċifiċi u, min-naħa l-oħra, li la tittieħed inkunsiderazzjoni d-data tal-fatti allegati, u lanqas id-data li fiha nb dew il-proċeduri kriminali.
- 164 Madankollu, għandu jitfakkar li l-istituzzjonijiet għandhom l-obbligu li jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'mod konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, bħall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet diġà meħuda fir-rigward ta' talbiet simili u jistħarrġu b'attenzjoni partikolari fuq il-kwistjoni dwar jekk hemmx lok jew le li jiddeċiedu fl-istess sens. Barra minn hekk, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba għandhom jiġu rrikonċiljati mal-osservanza tal-legalità (ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs Il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, EU:T:2013:23, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata);
- 165 F'dan ir-rigward, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jipprekludi, b'mod partikolari, li sitwazzjonijiet paragonabbli jiġu ttrattati b'mod differenti, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs Il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, EU:T:2013:23, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 166 F'dan il-każ, l-ewwel, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' prassi tal-Parlament li tikkonsisti fir-rifjut tat-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament meta dan tal-aħħar huwa mfittex abbażi tal-attivitajiet politiċi tiegħu, meta dawn il-proċeduri jkunu nb dew minn avversarju politiku jew meta l-awtoritajiet nazzjonali inkwistjoni jkunu talbu sanzjonijiet eżemplari fir-rigward ta' dan il-membri tal-Parlament, ir-rikorrenti jinwokaw il-Komunikazzjoni Nru 11/2003, tas-6 ta' Ġunju 2003, stabbilita mill-Kumitat Legali u tas-Suq Intern tal-Parlament, li dak iż-żmien kien responsabbli għal kwistjonijiet ta' immunità, li tikkostitwixxi sintesi tal-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Parlament. Din il-komunikazzjoni tindika li l-immunità ma titneħħiex fil-każijiet fejn l-atti li abbażi tagħhom membru tal-Parlament huwa mfittex jidħlu fil-kuntest tal-attività politika tiegħu jew huma direttament marbuta magħha. Din il-komunikazzjoni tippreċiża wkoll li l-immunità ma titneħħiex fil-każ ta' *fumus persecutionis*, li huwa ddefinit bħala "il-preżunzjoni li jinb dew proċeduri legali kontra membru parlamentari bl-intenzjoni li jippreġudikaw l-attivitajiet politiċi tiegħu". Hija tirreferi, bħala eżempji, għal ċertu numru ta' indizji ta' natura li jippreżumu l-eżistenza tagħhom. Issa, għandu jiġi rrilevat li din il-komunikazzjoni ġiet issostitwita bil-Komunikazzjoni Nru 11/2019 fid-19 ta' Novembru 2019, id-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Fil-fatt, skont il-punt 53 tagħha, il-Komunikazzjoni Nru 11/2019 "tissostitwixxi l-komunikazzjonijiet preċedenti kollha u d-dokumenti l-oħra kollha tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali [tal-Parlament] dwar il-prattika u l-modalitajiet tal-funzjonament tiegħu fil-qasam tal-immunitajiet", fosthom, b'mod partikolari, il-Komunikazzjoni Nru 11/2003.

- 167 It-tieni, il-Parlament isostni li l-prattika, kif miġbura fil-qosor fil-Komunikazzjoni Nru 11/2003, ġiet abbandunata fis-sens ta' limitazzjoni tal-każijiet li fihom il-Parlament jirrifjuta li jneħħi l-immunità. Għandu jiġi rrilevat li l-Komunikazzjoni Nru 11/2019, bħall-Komunikazzjoni preċedenti Nru 11/2016, adottata fid-9 ta' Mejju 2016, tiddefinixxi l-*fumus persecutionis* bħala l-uniku każ li fih l-immunità ma għandhiex titneħħa, mingħajr ma tippreċiża l-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza tagħha, u mingħajr ma jiġu identifikati kategoriji ta' każijiet li fihom tali *fumus* għandu jiġi preżunt.
- 168 It-tielet, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu l-prattika stabbilita li l-Parlament jirrifjuta li jneħħi l-immunità jekk l-għan tal-proċeduri ġudizzjarji inkwistjoni huwa li jostakola l-qadi tad-dmirijiet parlamentari tal-membri tal-Parlament, għandu jiġi rrilevat li l-eżistenza ta' din il-prattika ma hijiex ikkontestata u li huwa dan l-approċċ li ġie segwit mill-Parlament f'dan il-każ.
- 169 Ir-raba', sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' Prattika stabbilita tal-Parlament fir-rigward tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi identifikat *fumus persecutionis* u, b'mod iktar ġenerali, fir-rigward tal-każijiet li fihom il-Parlament jirrifjuta li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-membri tiegħu, ir-rikorrenti sempliċement jinvokaw ċerti deċiżjonijiet adottati mill-Parlament, mingħajr madankollu ma juru kif dawn jistgħu jstabbilixxu l-eżistenza ta' tali Prattika.
- 170 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-parti l-kbira tad-deċiżjonijiet invokati mir-rikorrenti ġew adottati matul is-snin 1982 sa 2003. Għalhekk dawn jaqgħu fil-kuntest tal-prattika mqasra fil-Komunikazzjoni Nru 11/2003, li ġiet irtirata espressament mill-Parlament, u li, skont dan tal-aħħar, hija obsoleta. Ir-rikorrenti jinvokaw biss madwar tna-x-il deċiżjoni adottati mis-sena 2004. L-iktar reċenti, mogħtija matul il-leġiżlatura 2014–2019, huma sebgħa. Erbgħa minnhom huma deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Parlament neħħa l-immunità tal-membri tal-Parlament ikkonċernati wara li kkonkluda li ma kienx hemm *fumus persecutionis* u huma invokati mir-rikorrenti sabiex tiġi stabbilita l-prattika mhux ikkontestata msemmija fil-punt 168 iktar 'il fuq.
- 171 Il-ħames, kif isostni l-Parlament, kull deċiżjoni adottata b'risposta għal talba għat-tneħħija tal-immunità hija intrinsikament marbuta maċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. Issa, il-Parlament isostni, mingħajr ma huwa kontradett, li huwa qatt ma kellu, sa fejn jaf hu, jittratta talba għat-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament intiża li tippermetti l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest maħruġ għall-finijiet ta' proċeduri kriminali mibdija qabel l-elezzjoni ta' dan tal-aħħar.
- 172 Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, għandu jiġi kkunsidrat li, bla ħsara għall-prassi mhux ikkontestata msemmija fil-punt 168 iktar 'il fuq u segwita f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma stabbilixxewx l-eżistenza, fil-jum tad-deċiżjonijiet ikkontestati, ta' prassi stabbilita tal-Parlament li tikkonsisti fir-rifjut li titneħħa l-immunità fil-każijiet imsemmija fil-punti 162 u 163 iktar 'il fuq. L-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament għandu għalhekk jiġi miċħud.

– *Fuq l-allegati żbalji manifesti mwettqa fl-evalwazzjoni tal-fumus persecutionis*

- 173 Ir-rikorrenti jqisu li l-Parlament seta' jneħħi l-immunità biss wara li jkun eskluda l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*. Huma jsostnu li l-Parlament wettaq żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali *fumus persecutionis* billi ma ħax inkunsiderazzjoni l-provi li huma kienu baġhtulu. Għalhekk, il-Parlament ibbaża l-evalwazzjoni tiegħu b'mod żbaljat billi ħa

inkunsiderazzjoni l-proċedura kriminali “inizjali” u l-ewwel mandati ta’ arrest Ewropej, minkejja li tneħħew, meta kellu jieħu inkunsiderazzjoni l-proċeduri kriminali għall-“ftuħ mill-ġdid” tagħha, jiġifieri l-mandati ta’ arrest Ewropej tal-14 ta’ Ottubru u tal-4 ta’ Novembru 2019. B’dan il-mod, il-Parlament injora sensiela ta’ kunsiderazzjonijiet rilevanti, b’mod partikolari l-fatt li ebda mandat ta’ arrest Ewropew ma kien għadu fis-seħħ fir-rigward tagħhom mit-18 ta’ Lulju 2018 u li l-aħħar mandati ta’ arrest Ewropej kienu nħarġu biss wara l-elezzjoni tagħhom fil-Parlament, wara li fallew il-manuvri tal-awtoritajiet Spanjoli intiżi li jipprekluduhom milli jippreżentaw ruħhom għall-elezzjonijiet, u sussegwentement li jieħdu ġurament. L-uniku għan ta’ dawn il-mandati huwa li jwaqqfuhom milli jpoġġu fil-Parlament, meta huma l-uniċi rappreżentanti tal-minoranza Katalana.

- 174 Fl-ewwel lok, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament wettaq żball meta evalwa l-eżistenza ta’ *fumus persecutionis* fid-dawl tal-proċeduri kriminali inkwistjoni u mhux biss tal-mandati ta’ arrest Ewropej maħruġa f’Ottubru u f’Novembru 2019, għandu jifakkur li *fumus persecutionis* huwa kkonstatat meta jkunu jeżistu punti ta’ fatt li jindikaw li l-proċeduri ġudizzjarji nbdev bl-intenzjoni li jaġhmlu ħsara lill-attività politika tal-membri tal-Parlament. Issa, il-mandati ta’ arrest Ewropej iċċitatu iktar ‘il fuq jaqgħu preċiżament fil-kuntest tal-proċeduri kriminali inkwistjoni mibdija kontra r-rikorrenti, li kienet ġiet sospiżza minħabba r-rifjut tagħhom li jidhru quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fil-fatt, dawn il-mandati huma intiżi sabiex ir-rikorrenti jiġu arrestati fl-Istati Membri l-oħra minbarra r-Renju ta’ Spanja bl-għan tal-konsenja tagħhom lill-awtoritajiet ta’ dan sabiex il-proċeduri kriminali inkwistjoni jkunu jistgħu jitkomplew. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma humiex fondati li jsostnu li l-Parlament wettaq żball fil-proċedura ġudizzjarja rilevanti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta’ *fumus persecutionis*.
- 175 Ir-rikorrenti jikkritikaw ukoll lill-Parlament talli ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li kull wieħed minnhom kien is-suġġett ta’ żewġ mandati ta’ arrest Ewropej preċedenti, wieħed matul ix-xahar ta’ Novembru 2017, li kien tneħħa fix-xahar ta’ wara, l-ieħor matul ix-xahar ta’ Marzu 2018, li kien tneħħa matul ix-xahar ta’ Lulju 2018, u li, għaldaqstant, huma ma kinux għadhom is-suġġett ta’ mandat ta’ arrest Ewropew minn dik id-data. Tali ċirkustanza hija, skont ir-rikorrenti, ta’ natura li tistabbilixxi li l-mandati ta’ arrest Ewropej tal-14 ta’ Ottubru u tal-4 ta’ Novembru 2019, maħruġa wara l-elezzjoni tagħhom fil-Parlament, kienu intiżi li jippreġudikaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom fil-Parlament.
- 176 F’dan ir-rigward, mid-dibattiti waqt is-seduta jirriżulta li terminu twil b’mod anormali bejn il-fatti allegati fil-konfront ta’ membru tal-Parlament u l-bidu ta’ proċeduri kontrih jista’, fin-nuqqas ta’ ġustifikazzjoni, jikkostitwixxi element rilevanti għall-evalwazzjoni tal-*fumus persecutionis*. Dan jista’ jkun il-każ ukoll jekk ikun għadda tali terminu bejn it-tneħħija tal-ewwel mandat ta’ arrest u l-ħruġ ta’ mandat ġdid.
- 177 Madankollu, f’dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li t-terminu bejn it-tneħħija tal-mandati ta’ arrest Ewropej maħruġa matul ix-xahar ta’ Marzu 2018 u l-ħruġ tal-mandati ta’ arrest Ewropej tal-14 ta’ Ottubru u tal-4 ta’ Novembru 2019 huwa ta’ inqas minn sittax-il xahar. Barra minn hekk, ir-Renju ta’ Spanja indika li dawn il-mandati ta’ arrest Ewropej tal-aħħar inħarġu wara s-sentenza ta’ kundanna tal-14 ta’ Ottubru 2019 mogħtija fir-rigward ta’ akkużati oħra, li fid-dawl tagħha l-akkużi mressqa kontra r-rikorrenti ġew parzjalment emendati.
- 178 F’dan il-kuntest, ir-rikorrenti ma humiex fondati li jsostnu li, billi ma ħax inkunsiderazzjoni l-assenza ta’ mandati ta’ arrest Ewropej matul il-perijodu inkluż bejn ix-xahar ta’ Lulju 2018 u x-xahar ta’ Ottubru jew ta’ Novembru 2019, il-Parlament wettaq żball manifest ta’ evalwazzjoni.

- 179 Fit-tieni lok, minn naħa, ir-rikorrenti jsostnu li l-akkużi fil-konfront tagħhom huma manifestament infondati. Għalhekk, huma suġġetti għal prosekuzzjoni abbażi tal-organizzazzjoni illegali ta' referendum li ma jikkostitwixx iktar reat kriminali fi Spanja. Huma jibbażaw ruħhom ukoll fuq dikjarazzjonijiet u deċiżjonijiet ta' korpi li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, pariri legali, deċiżjonijiet ġudizzjarji u dikjarazzjonijiet politiċi. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jsostnu li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri l-oħra tissanzjona b'mod inqas sever il-fatti allegati jew ma tikklassifikahomx bħala reat kriminali. Huma jżidu li, fil-ġurnata tad-deċiżjonijiet ikkontestati, kienet għaddejja riforma fi Spanja, bl-għan li jiġi ddefinit mill-ġdid, jew saħansitra jiġi eliminat, il-ksur ta' sedizzjoni u li disa' persuni kkundannati permezz tas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tal-14 ta' Ottubru 2019 kienu ġew grazzjati fit-22 ta' Ġunju 2021. Huma jżidu li mhux il-persuni kollha kkonċernati mill-fatti inkwistjoni ġew akkużati.
- 180 F'dan ir-rigward, il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-immunità parlamentari, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, humiex issodisfatti, fil-mument li fih issir it-talba, hija distinta minn dik li tikkonsisti f'li jiġi ddeterminat jekk il-fatti li bihom huma akkużati l-membri tal-Parlament ikkonċernati humiex stabbiliti, peress li din il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istat Membru (ara l-punt 141 iktar 'il fuq). Bl-istess mod, fil-kuntest tal-eżami ta' talba għat-tneħħija tal-immunità, ma huwiex il-Parlament li għandu jiddeċiedi dwar l-oportunità ta' prosekuzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2018, Jalkh vs Il-Parlament, T-26/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:690, punt 83, u tat-30 ta' April 2019, Briois vs Il-Parlament, T-214/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:266, punt 47) u, f'dan il-kuntest, li jevalwa n-natura xierqa tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jistabbilixxu r-reati li abbażi tagħhom il-membri kkonċernati ġew imħarrka.
- 181 Barra minn hekk, f'dan il-każ, huwa paċifiku li r-rikorrenti ġew akkużati b'allegat ksur previst mil-Ley Orgánica del Código Penal (il-Kodiċi Kriminali) fis-seħħ kemm fil-jum tal-fatti allegati kif ukoll fil-ġurnata tad-deċiżjonijiet ikkontestati.
- 182 Minn dan isegwi li, peress li huma intiżi li jikkontestaw ir-realtà tal-fatti allegati fil-konfront tar-rikorrenti, il-klassifikazzjoni tagħhom fid-dawl tal-liġi kriminali Spanjola kif ukoll il-kwistjoni dwar jekk dawn il-fatti jiġġustifikawx jew le proċeduri kriminali fir-rigward tagħhom, l-argumenti msemmija fil-punt 179 iktar 'il fuq huma ineffettivi u għandhom jiġu miċħuda għal din ir-raġuni.
- 183 Fit-tielet lok, kif ġie kkonstatat fil-punt 151 iktar 'il fuq, sabiex jikkonkludi li ma kienx hemm *fumus persecutionis*, il-Parlament ibbaża ruħu fuq diversi elementi, ikkunsidrati flimkien, jiġifieri l-fatt li l-fatti inkriminati twettqu fl-2017, filwaqt li r-rikorrenti kisbu l-kwalità ta' membru tal-Parlament fit-13 ta' Ġunju 2019 u l-fatti li, minn naħa, huma ġew akkużati fil-21 ta' Marzu 2018, jiġifieri f'mument meta l-kisba tal-istatus ta' membru tal-Parlament Ewropew kienet ipotetika u, min-naħa l-oħra, din l-akkuża kienet tirrigwarda wkoll persuni oħra, li ma kinux membri tal-Parlament.
- 184 B'dan il-mod, il-Parlament ikkunsidra li dawn il-fatti, ikkunsidrati flimkien, kienu ta' natura li jeskludu kull suspett ta' *fumus persecutionis*, minkejja l-provi mressqa mir-rikorrenti. Minn dan isegwi li l-argument tagħhom ibbażat fuq il-fatt li l-Parlament neħħa l-immunità tagħhom mingħajr ma eskluda l-eżistenza ta' *fumus persecutionis* huwa infondat fil-fatt u għandu jiġi miċħud għal din ir-raġuni.
- 185 Sussegwentement, sa fejn ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Parlament li ma eżaminax l-allegati irregolaritajiet li jaffettwaw il-proċedura kriminali inkwistjoni, għandu jifakkur li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu tal-eżistenza ta' *fumus persecutionis*, ma huwiex il-Parlament li għandu



jevalwa l-legalità tal-atti adottati mill-awtoritajiet ġudizzjarji matul il-proċedura inkwistjoni, peress li din il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali (ara l-punt 126 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, dawn ġew effettivament aditi mir-rikorrenti. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu, il-Parlament jista' jibbaża ruħu fuq ċerti fatti invokati insostenn ta' dawn l-irregolaritajiet sabiex jikkonkludi li jeżisti każ ta' *fumus persecutionis*.

186 F'dan il-każ, għandu jitqies li r-rikorrenti ma stabbilixxewx li, billi bbaża ruħu fuq iċ-ċirkustanzi mfakkra fil-punt 183 iktar 'il fuq sabiex jeskludi l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*, il-Parlament wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni. B'mod partikolari, fid-dawl tal-imsemmija ċirkustanzi, il-fatti li, l-ewwel, ir-rikorrenti huma akkużati minħabba l-attivitajiet politiċi nazzjonali tagħhom, it-tieni, huma jistgħu, fil-kuntest jew fi tmien il-proċeduri kriminali inkwistjoni, jiġu temporanjament preklużi milli jeżerċitaw il-mandat tagħhom, jew, jekk ikun il-każ, jitolbu dan il-mandat, it-tielet, il-partit Spanjol VOX eżerċita l-azzjoni popolari fil-proċeduri kriminali inkwistjoni u, ir-raba', huma kienu fil-mira ta' ċerti dikjarazzjonijiet pubbliċi negattivi, li jitolbu b'mod partikolari li jiġu imposti fuqhom sanzjonijiet eżemplari, ma humiex ta' natura li jikkontestaw din il-konklużjoni. L-istess japplika għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti intiżi sabiex jikkontestaw l-imparzjalità tal-awtoritajiet ġudizzjarji li intervjenew fil-kuntest tal-proċedura kriminali inkwistjoni. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' żball manifest imwettaq mill-Parlament fl-evalwazzjoni tal-*fumus persecutionis*, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw b'mod utli avvenimenti li seħħew wara d-deċiżjonijiet ikkontestati, bħall-fatt li huma stess u l-konsulenti legali tagħhom kienu spijati mill-awtoritajiet Spanjoli u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tat-3 ta' Novembru 2022.

187 Għaldaqstant, is-sitt motiv għandu jiġi miċħud, sa fejn huwa bbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi li jivvizzjaw l-eżami, mill-Parlament, tal-*fumus persecutionis*, u s-seba' motiv.

*Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn il-Parlament irrifjuta li japplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura*

188 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament injora mingħajr raġuni l-prattika tiegħu li, meta jeżisti riskju li membru tal-Parlament jiġi arrestat mingħajr kundanna, il-Parlament jew jirrifjuta li jneħħi l-immunità, jew japplika l-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura.

189 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jsostnu li t-tmien motiv ma huwiex fondat.

190 Sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' osservanza mill-Parlament ta' Prattika Preċedenti li tikkonsisti f'li ma titneħħiex l-immunità jew li jiġi applikat l-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura fil-każijiet fejn jeżisti riskju li wieħed mill-membri tiegħu jiġi arrestat mingħajr kundanna minn qabel, ir-rikorrenti jinvokaw ċerti deċiżjonijiet adottati mill-Parlament fil-qasam tal-immunità matul is-snin 1984 sa 2011.

191 Madankollu, minn naħa, ir-rikorrenti jillimitaw ruħhom sabiex jinvokaw l-imsemmija deċiżjonijiet mingħajr madankollu ma juru kif huma jistgħu jstabbilixxu l-eżistenza, fil-ġurnata tad-deċiżjonijiet ikkontestati, tal-prattika allegata.

192 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jstabbilixxux kif id-deċiżjonijiet iċċitati iktar 'il fuq jirrigwardaw sitwazzjonijiet paragonabbli għal tagħhom. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità huma intiżi sabiex jippermettu l-eżekuzzjoni

ta' mandati ta' arrest Ewropej li nħarġu wara li r-rikorrenti rrifjutaw li jidhru quddiem l-awtoritajiet kompetenti Spanjoli. Għalhekk, dawn huma intiżi sabiex jippermettu l-arrest tar-rikorrenti sabiex jiġu kkonsenjati lill-awtoritajiet Spanjoli sabiex il-proċeduri kriminali inkwistjoni jkunu jistgħu jitkoplew. Issa, ebda waħda mid-deċiżjonijiet invokati ma hija relatata ma' tali sitwazzjoni.

193 Għaldaqstant, it-tmien motiv għandu jiġi miċhud.

*Fuq ir-raba' motiv, ibbażat essenzjalment, fuq il-ksur tad-dritt għal smiġh*

194 Ir-raba' motiv jinkludi, essenzjalment, żewġ partijiet.

195 Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jsostnu li huma ma nstengħux dwar diversi dokumenti li huma ma kellhomx aċċess għalihom. Huma jżidu li ma jistax jiġi eskluż li dawn id-dokumenti kellhom effett deċiżiv fuq id-deċiżjonijiet ikkontestati. Permezz tat-tieni parti, ir-rikorrenti jsostnu li l-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali ostakola d-dritt għal smiġh tagħhom waqt is-smiġh tagħhom u li r-relatur ma kienx preżenti għall-osservazzjonijiet preliminari tal-ewwel rikorrent. Fir-replika, ir-rikorrenti jsostnu li l-pożizzjoni tal-Parlament fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu dwar l-inammissibbiltà tal-Anness 44 tar-rikors, jiġifieri l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti ppreżentati lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fil-15 ta' Frar 2021, tidher li tistabbilixxi li dawn ma ttieħdux inkunsiderazzjoni, minkejja li kienu ta' natura li jinfluwenzaw l-eżitu tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità.

196 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jikkontestaw dawn l-argumenti.

197 Skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, id-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi b'mod partikolari d-dritt ta' kull persuna li tinstema', qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali fil-konfront tagħha li tolqotha negattivament. Dan id-dritt, li jagħmel parti mid-drittijiet tad-difiża, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punti 64 u 65 u l-ġurisprudenza ċċitata). Huwa jggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonċernah, li tesprimi b'mod utli l-opinjoni tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li abbażi tagħhom din id-deċiżjoni hija adottata (ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs Il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, EU:T:2013:23, punt 176 u l-ġurisprudenza ċċitata).

198 Skont il-ġurisprudenza, ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari d-dritt għal smiġh, iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura inkwistjoni biss jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti. F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi impost fuq rikorrent li jinvoka l-ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu li juri li d-deċiżjoni tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata kien ikollha kontenut differenti, iżda biss li tali ipoteżi ma hijiex totalment eskluża. L-evalwazzjoni ta' din il-kwistjoni għandha, barra minn hekk, issir skont iċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi speċifiċi ta' kull każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punti 105 sa 107 u l-ġurisprudenza ċċitata).

199 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li hemm lok li jiġu evalwati ż-żewġ partijiet tar-raba' motiv.

– Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li r-rikorrenti ma kellhomx aċċess għal tliet dokumenti

- 200 L-ewwel, ir-rikorrenti jsostnu li huma ma nstemgħux fir-rigward tad-digriet tal-25 ta' Ottubru 2018 li fuqu bbaża ruħu l-Parlament sabiex jikkunsidra, b'mod żbaljat, li l-investigazzjoni kriminali kienet ingħalqet u li ma kinitx inkluża fil-proċess.
- 201 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li dan id-digriet ma jikkonċernax lir-rikorrenti, iżda lill-persuni l-oħra kkonċernati mill-proċeduri kriminali inkwistjoni, li ma rrifjutawx li jidhru (ara l-punt 156 iktar 'il fuq).
- 202 Barra minn hekk, ġie kkunsidrat li ma kienx jidher li l-iżball jew, tal-inqas, in-nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tal-istadju eżatt tal-proċeduri kriminali inkwistjoni kellu effett fuq l-eżami tat-talba għat-tneħħija tal-immunità (ara l-punt 160 iktar 'il fuq).
- 203 Minn dan isegwi li, anki jekk jitqies li ksur tad-dritt għal smiġh jista' jiġi kkonstatat sa fejn ir-rikorrenti ma tqiegħdux f'pożizzjoni li jsostnu l-osservazzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' dan id-digriet, dan ma huwiex ta' natura li jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati.
- 204 It-tieni, ir-rikorrenti jsostnu li huma ma setgħux jieħdu pożizzjoni fuq l-argumenti ppreżentati mir-Renju ta' Spanja fin-notifiki, datati 11 ta' Ġunju 2014 u 30 ta' Settembru 2020, indirizzati lill-Parlament dwar l-awtorità kompetenti fil-qasam tat-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament (ara l-punti 81 u 82 iktar 'il fuq), li ma ntbagħtulhomx.
- 205 Madankollu, ma ġiex ikkontestat li, fl-istat tal-ġurisprudenza nazzjonali, hija l-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) li hija kompetenti sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament elett għar-Renju ta' Spanja (ara l-punt 84 iktar 'il fuq). Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma stabbilixxewx li d-deċiżjonijiet ikkontestati seta' kellhom kontenut differenti li kieku nstemgħu dwar in-notifiki tar-Renju ta' Spanja ċċitati iktar 'il fuq.
- 206 It-tielet, ir-rikorrenti jsostnu li huma ma kellhomx aċċess, minkejja t-talba tagħhom, għall-“komunikazzjoni komuni lill-membri tal-Kumitat [għall-Affarijiet Legali]”, stabbilita mir-relatur, prevista mill-komunikazzjoni ta' dan il-kumitat tal-10 ta' Frar 2015, li tikkonsisti f'sunt tal-fatti prinċipali relatati ma' kull kawża ta' immunità stabbilita mir-relatur kif ukoll fil-lista sħiħa tad-dokumenti rċevuti.
- 207 Madankollu, il-Parlament jafferma, mingħajr ma huwa kontradett, li ebda “komunikazzjoni komuni” ma ġiet stabbilita f'dan il-każ peress li din kienet prevista mill-komunikazzjoni tal-10 ta' Frar 2015 li ġiet issostitwita bil-Komunikazzjoni Nru 11/2019, li ma ssemmihiex iktar.
- 208 Ir-raba', wara l-produzzjoni tar-risposta u tal-annessi tagħha, ir-rikorrenti jsostnu fir-replika li huma ma kellhomx aċċess għall-Komunikazzjoni Nru 1/20, jiġifieri għan-nota ta' trażmissjoni lill-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tal-ewwel u tat-tieni rikorrent, li magħha kien meħmuż l-estratt tas-sentenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tal-14 ta' Ottubru 2019 li kkundannat lill-persuni kkonċernati mill-proċeduri kriminali inkwistjoni li ma kinux irrifjutaw li jidhru.
- 209 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti kienu akkumpanjati minn diversi annessi, identifikati fid-digrieti msemmija fil-punti 11 u 15 iktar 'il fuq, fosthom is-sentenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tal-14 ta' Ottubru 2019 iċċitata iktar 'il fuq. Ma huwiex ikkontestat li r-rikorrenti setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet

tagħhom fuq dawn id-dokumenti li kienu jagħmlu parti mill-fajl tat-tneħħija tal-immunità aċċessibbli għar-rikorrenti. Il-Komunikazzjoni Nru 1/20, li hija sempliċi nota ta' trażmissjoni, ma ttiprovdi ebda element sostanzjali għal dawn id-dokumenti li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti kellhom ikunu f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, anki jekk jitqies li l-Komunikazzjoni Nru 1/20 ma ġietx ikkomunikata lir-rikorrenti, fatt li huwa kkontestat mill-Parlament, tali ċirkustanza hija nieqsa minn kull effett fuq l-eżitu tad-deċizzjonijiet ikkontestati. Għaldaqstant, l-argument għandu jiġi miċħud mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċizzjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Parlament.

210 Għalhekk, l-ewwel parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

– *Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-ksur tad-dritt għal smiġh waqt is-smiġh tar-rikorrenti*

211 It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprovdi li l-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu jistieden lill-membri tal-Parlament li tkun intalbet it-tneħħija tal-immunità tiegħu u li l-membri tal-Parlament jista' jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jinstema'. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, skont il-punt 20 tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019, inkluż fil-parti "Seduti", il-membri tal-Parlament li l-immunità tiegħu hija inkwistjoni jew dak li jirrappreżentah jista' jtkellem biss waqt smiġh li huwa fakultattiv. Huwa jista' jagħmel osservazzjonijiet preliminari li ma jistgħux jaqbużu ħmistax-il minuta u li jiġu segwiti minn tweġibiet qosra għall-mistoqsijiet tal-membri tal-kumitat. Barra minn hekk, taħt it-titolu "Ħin għad-diskors", il-punt 11 ta' din il-komunikazzjoni jipprovdi li, fid-dawl taż-żmien limitat li għandu l-Kumitat għall-Affarijiet Legali sabiex jeżamina l-każijiet ta' immunità, il-ħin għad-diskors huwa strettament irregolat mill-President. Il-punt 13 jippreċiża wkoll li, fil-każ ta' smiġh, il-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali minbarra r-relatur jistgħu jintervjenu fil-qosor sabiex jagħmlu mistoqsijiet.

212 F'dan il-każ, ir-rikorrenti jakkużaw lill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali li segwa strettament il-prinċipji esposti fil-punt 211 iktar 'il fuq filwaqt li l-kumplessità tal-kawżi inkwistjoni kienet tiġġustifika li jidderoga minnhom u li r-relatur ma kienx preżenti għall-osservazzjonijiet preliminari tal-ewwel rikorrent.

213 F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li kull wieħed mir-rikorrenti kellu ħmistax-il minuta sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet preliminari tiegħu u li huma setgħu jirrispondu għal domandi magħmula mill-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont il-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni Nru 11/2019.

214 Għandu jitfakkar ukoll li r-rikorrenti ttrażmettew, diversi drabi, lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, l-osservazzjonijiet tagħhom flimkien mal-provi li huma qiesu rilevanti għall-eżami tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità. Għaldaqstant, huma setgħu, ukoll b'dan il-mod, jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal smiġh billi jagħtu l-opinjoni tagħhom matul il-proċedura. F'dan ir-rigward, ma huwiex stabbilit u mill-osservazzjonijiet tal-Parlament dwar il-preżentazzjoni formali tal-Anness A 44, ikkostitwita mill-osservazzjonijiet ippreżentati fil-15 ta' Frar 2021 mir-rikorrenti lill-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-annessi tagħhom, ma jirriżultax li dan il-kumitat ma ħax inkunsiderazzjoni dan l-anness qabel ma adotta d-deċizzjonijiet ikkontestati.

215 Fir-rigward tal-fatt li r-relatur ma kienx fiżikament preżenti meta l-ewwel rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet preliminari tiegħu waqt il-laqgħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-14 ta' Jannar 2021, ma huwiex speċifikat kif tali fatt imur kontra r-Regoli ta' Proċedura

tal-Parlament jew jippreġudika d-dritt għal smiġh. Barra minn hekk, il-Parlament jindika, mingħajr ma ġie kkontestat, li r-relatur kien attenda mill-bogħod għall-bidu ta' din il-laqgħa, sakemm problema teknika wasslitu sabiex jipparteċipa fiżikament għaliha.

216 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

217 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma humiex iġġustifikati li jsostnu li d-dritt tagħhom għal smiġh ġie miksur. Għandu wkoll jiġi miċħud, fi kwalunkwe każ u konsegwentement, l-ilment ibbażat fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għal dokumenti u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva li, fin-nuqqas ta' kull argument tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, huwa esklużivament ibbażat fuq l-allegat ksur tad-dritt għal smiġh.

218 Konsegwentement, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità*

219 It-tielet motiv huwa bbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità previst fl-Artikolu 41(1) tal-Karta, li minnu jirriżulta wkoll ksur tal-Artikolu 15 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 39(2) u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta. It-tielet motiv huwa maqsum f'erba' partijiet ibbażati, l-ewwel waħda, fuq l-irregolarità tal-ħatra ta' relatur wieħed għal tliet kawżi ta' immunità, it-tieni waħda, fuq in-nuqqas ta' imparzjalità tar-relatur u, it-tielet waħda, fuq in-nuqqas ta' imparzjalità tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali. Permezz tar-raba' parti, ir-rikorrenti jsostnu li ż-żamma *in camera* tal-ħidma ta' dan il-kumitat tostakola l-possibbiltà tagħhom li juru l-impatt tal-parzjalità tar-relatur u tal-president tal-imsemmi kumitat fuq id-deċiżjonijiet ikkontestati.

220 Il-Parlament, sostnut mir-Renju ta' Spanja, jikkontesta dawn l-argumenti.

221 Preliminarjament, fl-ewwel lok, għandu jifakkar li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni huma obbligati jirrispettaw id-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, fosthom id-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta.

222 L-Artikolu 41 tal-Karta jipprovdi b'mod partikolari, fil-paragrafu 1 tiegħu, li kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni. Dan id-dritt jirrifletti prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Spanja vs Il-Kunsill, C-521/15, EU:C:2017:982, punti 88 u 89). Ir-rekwiżit ta' imparzjalità, li għalhekk huwa impost fuq dawn l-istituzzjonijiet, korpi u organi fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, huwa intiż li jiggerantixxi l-ugwaljanza fit-trattament li hija l-bażi tal-Unjoni (ara s-sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, August Wolff u Remedia vs Il-Kummissjoni, C-680/16 P, EU:C:2019:257, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

223 Dan ir-rekwiżit huwa intiż, b'mod partikolari, li jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi eventwali fir-rigward ta' uffiċjali u ta' aġenti li jaġixxu għan-nom tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi. Fid-dawl tal-importanza fundamentali tal-garanzija ta' indipendenza u ta' imparzjalità f'dak li jirrigwarda kemm il-funzjonament intern kif ukoll l-immaġini esterna tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni, ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri kull ċirkustanza li l-uffiċjal jew l-aġent li għandu jiddeċiedi dwar kawża għandu raġonevolment jifhem, li jistgħu jidhru, f'għajnejn terzi, li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza tiegħu fil-qasam inkwistjoni (ara s-sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, August Wolff u Remedia vs Il-Kummissjoni, C-680/16 P, EU:C:2019:257, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 224 Tali rekwiżit ta' imparzjalità huwa impost ukoll fuq il-membri tal-Parlament li jintervjenu fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-funzjonijiet amministrattivi tal-Parlament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2019, ADDE vs Il-Parlament, T-48/17, EU:T:2019:780, punt 61, u tat-12 ta' Ottubru 2022, Vasallo Andrés vs Il-Parlament, T-496/21, mhux ippubblikata, EU:T:2022:628, punti 20 sa 24).
- 225 Fir-rigward tad-deċiżjonijiet, ta' natura politika, li permezz tagħhom il-Parlament jiddeċiedi dwar talba għat-tneħħija tal-immunità (ara l-punt 112 iktar 'il fuq), għandu jitfakkar li huma ta' natura li jbiddu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali individwali tal-membri tal-Parlament inkwistjoni billi jneħħu l-protezzjoni li tagħtih din l-immunità u li, sa dan il-punt, jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament. F'dan il-kuntest, u kif irrileva l-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tal-24 ta' Mejju 2022, Puigdemont i Casamajó et vs Il-Parlament u Spanja (C-629/21 P(R), EU:C:2022:413, punt 192), il-proċedura li tista' twassal għall-adozzjoni ta' tali deċiżjoni għandha neċessarjament tkun akkumpanjata minn garanziji individwali suffiċjenti.
- 226 B'hekk, il-Parlament stabbilixxa fażi istruttoria tat-talba għat-tneħħija tal-immunità fdata lill-kumitat responsabbli, f'dan il-każ, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li huwa inkarigat mit-tfassil tal-abbozz ta' deċiżjoni suġġett għal vot fis-seduta plenarja. Fil-kuntest ta' din il-fażi istruttoria tat-talba għat-tneħħija tal-immunità, għandu jiġi kkonstatat li, skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-membri tal-Parlament ikkonċernat jibbenefika mid-drittijiet previsti fl-Artikolu 41(2) tal-Karta, jiġifieri, id-dritt għal smiġħ, id-dritt ta' aċċess għall-fajl tiegħu u l-obbligu tal-Parlament li jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. Matul din il-fażi, il-membri tal-Parlament ikkonċernat għandu wkoll jibbenefika mid-dritt, previst fl-Artikolu 41(1) tal-Karta, li l-affarijiet tiegħu jiġu ttrattati b'mod imparzjali u ġust, kif ġie ammess mill-Parlament fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu u waqt is-seduta. Dan ir-rekwiżit ta' imparzjalità għandu madankollu neċessarjament jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-membri tal-Parlament, membri tal-imsemmi kumitat, ma humiex, mid-definizzjoni stess, politikament newtrali, fatt li jiddistingwihom mill-uffiċjali u mill-membri tal-persunal li jaġixxu fisem l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni.
- 227 Fit-tieni lok, ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li l-ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata inkarigat mill-kawża ma għandu jimmanifesta pożizzjoni diġà meħuda jew preġudizzju personali, u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li l-istituzzjoni għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex teskludi f'dan ir-rigward kull dubju leġittimu (ara, f'dan is-sens, Dalli vs Il-Kummissjoni, C-615/19 P, EU:C:2021:133, punt 112 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 228 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat it-tielet motiv.
- *Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-ħatra ta' relatur wieħed għat-tliet kawżi*
- 229 Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament ħatar, b'mod sigriet u mingħajr motivazzjoni, relatur wieħed sabiex jeżamina t-tliet talbiet għat-tneħħija tal-immunità bi ksur tal-punti 6 u 8 tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019. Fil-fehma tagħhom, in-nuqqas ta' osservanza ta' din il-formalità sostanzjali jikkarakterizza ksur tad-dritt tagħhom, iggarantit mill-Artikolu 41(1) tal-Karta, li l-kawżi tagħhom jiġu ttrattati b'mod imparzjali u ġust.
- 230 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura, intitolat "Proċeduri dwar l-immunità", jipprevedi li t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità, jekk ikunu ġew ikkomunikati fis-seduta plenarja, għandhom jiġu rrinvijati lill-kumitat responsabbli, li għandu l-obbligu li

jippreżenta proposta għal deċiżjoni motivata, wara li jkun ta lill-membri tal-Parlament ikkonċernat il-possibbiltà li jinstema' u, jekk ikun il-każ, wara li jkun talab informazzjoni u preċiżazzjonijiet mingħand l-awtorità kkonċernata. Dan l-Artikolu 9 jipprevedi wkoll, fil-paragrafu 11 tiegħu, li l-Kumitat għandu jittratta l-kwistjonijiet relatati mal-immunitajiet fl-ikbar kunfidenzjalità. Għall-bqija, huwa l-kumitat responsabbli li jiddetermina l-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9, skont il-paragrafu 13 ta' dan l-artikolu, u għalhekk il-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tiġi stabbilita l-proposta għal deċiżjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament f'seduta plenarja.

- 231 F'dan il-kuntest, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali adotta l-Komunikazzjoni Nru 11/2019, li tistabbilixxi regoli ta' kondotta indikattivi tal-prattika li huwa għandu l-intenzjoni jsegwi fit-trattament tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2021, Jalkh vs Il-Parlament, T-230/21, mhux ippubblikata, EU:T:2021:848, punt 44; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2020, Bilde vs Il-Parlament, T-248/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:46, punt 24).
- 232 Il-komunikazzjoni Nru 11/2019 tipprovdi, fil-punt 6 tagħha, li l-kumitat responsabbli għandu jaħtar relatur għal "kull talba għat-tneħħija tal-immunità". Skont il-punt 7 ta' din il-komunikazzjoni, huwa f'idejn kull grupp politiku li jaħtar membru tal-Parlament li jaġixxi bħala relatur permanenti għall-kwistjonijiet ta' immunità u li jassumi l-funzjonijiet ta' koordinatur "sabiex jiżgura li l-każijiet ta' immunitajiet jiġu ttrattati minn membri b'esperjenza". Il-punt 8 ta' din l-istess komunikazzjoni, jipprevedi li għal kull kwistjoni ta' immunità, il-funzjoni ta' relatur hija suġġetta għal rotazzjoni b'mod ugwali bejn il-gruppi politiċi, iżda jeskludi li r-relatur jista' jappartjeni għall-istess grupp politiku jew ikun ġie elett fl-istess Stat Membru bħall-membri tal-Parlament li l-immunità tiegħu hija inkwistjoni.
- 233 Minn dan isegwi li, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta, kull grupp politiku tal-Parlament jaħtar, minn fost il-membri tiegħu li jservu fi ħdan il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, relatur permanenti għall-kwistjonijiet ta' immunità. Peress li l-Parlament għandu, għal-leġiżlatura 2019–2024, seba' gruppi politiċi, inħatru seba' membri sabiex jaqdu l-funzjonijiet ta' relatur f'każijiet ta' immunità. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jafda kull talba għat-tneħħija tal-immunità lil wieħed minn dawn ir-relaturi, skont sistema ta' rotazzjoni stabbilita b'mod ugwali bejn il-gruppi politiċi, li bħala prinċipju ssir deroga minnha biss jekk ir-relatur tal-grupp inkwistjoni jwarrab, f'liema każ, il-każ jiġi fdat lir-relatur maħtur mill-grupp politiku li jmiss.
- 234 F'dan il-każ, qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti jsostnu li l-ħatra ta' relatur wieħed sabiex jeżamina t-tliet talbiet għat-tneħħija tal-immunità, allegatament bi ksur tal-punti 6 u 8 tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019, tikser id-dritt tagħhom, iggarantit mill-Artikolu 41(1) tal-Karta, li l-kwistjonijiet tagħhom jiġu ttrattati b'mod imparzjali u ġust. Issa, bla ħsara għall-kwistjoni tal-imparzjalità tar-relatur maħtur, li ser tiġi eżaminata fil-kuntest tat-tieni parti tal-motiv, huma ma jipproduċu ebda element sabiex jistabbilixxu kif l-allegat ksur tal-imsemmija punti tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019 huwa ta' natura li jikkostitwixxi ksur ta' dan id-dritt.
- 235 Sussegwentement, fir-rigward tal-allegat ksur tal-punt 6 tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019, għandu jiġi rrilevat li relatur, ċertament identiku, inħatar għal kull talba għat-tneħħija tal-immunità. Il-prinċipju li jinsab fl-imsemmi punt ġie għalhekk osservat.

- 236 Fir-rigward tal-prinċipju ta' rotazzjoni ugwali tal-funzjoni ta' relatur li jinsab fil-punt 8 tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019, dan ma jistax jiġi interpretat bħala li jipprekludi l-ħatra ta' relatur wieħed biss sabiex jeżamina diversi każijiet ta' immunità relatati meta, bħal f'dan il-każ, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jikkonċernaw membri tal-Parlament milquta mill-istess proċedura kriminali.
- 237 Barra minn hekk, anki jekk jiġi aċċettat li l-punt 8 tal-Komunikazzjoni Nru 11/2019 ġie miksur, għandu jifakkar li, fost id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċeduri interni ta' istituzzjoni, għandha ssir distinzjoni bejn dawk li l-ksur tagħhom ma jistax jiġi invokat mill-persuni fiżiċi u ġuridiċi, peress li dawn jikkonċernaw biss il-modalitajiet ta' funzjonament intern tal-istituzzjoni li ma jistgħux jaffettwaw is-sitwazzjoni legali tagħhom, u dawk li l-ksur tagħhom jista', għall-kuntrarju, jiġi invokat, peress li joħolqu drittijiet u fattur ta' ċertezza legali għal dawn il-persuni (ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, *Portigon vs SRB*, T-365/16, EU:T:2019:824, punt 135 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1991, *Nakajima vs Il-Kunsill*, C-69/89, EU:C:1991:186, punti 49 u 50, u tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs Il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, EU:T:2013:23, punt 132). Issa, l-imsemmi punt 8 ma jagħtix dritt lil dawn il-membri u lanqas ma jidher bħala fattur ta' ċertezza legali għal dawn tal-aħħar. Fil-fatt, huwa intiż sabiex jorganizza l-funzjonament intern tal-Parlament, billi jiżgura trattament ugwali tal-gruppi politiċi fi ħdanu. Din hija għalhekk miżura ta' organizzazzjoni purament interna li l-ksur tagħha ma huwiex ta' natura li jaffettwa l-legalità tad-deċiżjonijiet ikkontestati.
- 238 Għalhekk, l-ewwel parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.
- *Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq nuqqas ta' imparzjalità tar-relatur*
- 239 Permezz tat-tieni parti, ir-rikorrenti jsostnu li l-Parlament kiser formalità sostanzjali meta ħatar relatur assolutament parzjali. Fil-fatt, ir-relatur huwa membru tal-istess grupp politiku fil-Parlament bħal dak li jagħmlu parti minnu l-membri tal-Parlament eletti għar-Renju ta' Spanja membri tal-partit politiku Spanjol VOX, jiġifieri l-Grupp ta' Konservaturi u Riformisti Ewropej (KRE). Issa, il-partit VOX, flimkien mal-Ministerio fiscal (l-Uffiċċju tal-Prosekutur) u l-Abogado del Estado (l-Avukat tal-Istat), beda l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti li fir-rigward tagħhom intalbet it-tneħħija tal-immunità tagħhom. Dan il-partit juri animożità partikolari kontra r-rikorrenti. Dawn tal-aħħar iżidu li r-relatur wera l-pożizzjoni tiegħu qabel u wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Għalhekk, huwa organizza u ppresieda fil-Parlament laqgħa ma' dan il-partit Spanjol, li matulha intqal kliem manifestament ostili fil-konfront tagħhom. Dan in-nuqqas ta' imparzjalità huwa kkonfermat minn dikjarazzjonijiet tar-relatur wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati u mir-reazzjonijiet tal-parti Spanjola VOX. Ir-rikorrenti jinvokaw ukoll ir-rabtiet ta' ħbiberija bejn ir-relatur u l-membri tal-partit VOX.
- 240 Ir-rikorrenti ppreċiżaw, waqt is-seduta, li huma kienu qegħdin jikkontestaw prinċipalment l-imparzjalità suġġettiva tar-relatur, filwaqt li indikaw li l-provi prodotti kienu jistabbilixxu, tal-inqas, ksur tal-obbligu ta' imparzjalità oġġettiva.
- 241 Preliminarjament, ma huwiex ikkontestat li r-relatur responsabbli mit-talba għat-tneħħija tal-immunità tal-ewwel rikorrent inħatar skont ir-rotazzjoni stabbilita bejn il-gruppi politiċi. Madankollu, ir-rikorrenti jsostnu li dan ir-relatur, li huwa responsabbli wkoll mill-eżami tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tat-tieni u t-tielet rikorrent, kellu jwarrab jew jiġi rikużat minħabba n-nuqqas ta' imparzjalità tiegħu.



- 242 F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandha titfakkar in-natura politika tad-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Parlament jiddeċiedi dwar talba għat-tneħħija tal-immunità (ara l-punt 225 iktar 'il fuq).
- 243 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-fażi istrutturja tat-talba għat-tneħħija tal-immunità titmexxa minn kumitat parlamentari, jiġifieri korp politiku, li l-kompożizzjoni tiegħu hija intiża, skont l-Artikolu 209 tar-Regoli ta' Proċedura, li tirrifletti l-pluralità li teżisti fi ħdan il-Parlament, peress li t-tqassim tas-siġġijiet huwa, sa fejn possibbli, proporzjonali mar-rappreżentanza tal-gruppi politiċi fi ħdan il-Parlament. Kif ġie espost fil-punt 231 iktar 'il fuq, l-imsemmi kumitat jaħtar, fi ħdanu, ir-relatur skont sistema ta' rotazzjoni ugwali bejn il-gruppi politiċi. Minn dan isegwi li, jekk il-missjoni ta' relatur tiġi fdata lil membru tal-Parlament li jaqa' taħt grupp politiku partikolari, dan il-membru jaġixxi fil-kuntest ta' kumitat li l-kompożizzjoni tiegħu tirrifletti l-bilanċ tal-gruppi politiċi fi ħdan il-Parlament.
- 244 F'dan il-kuntest, l-imparzjalità ta' membru tal-Parlament li jintervjeni matul din il-fażi istrutturja, bħar-relatur, ma tistax, bħala prinċipju, tiġi evalwata fid-dawl tal-ideoloġija politika tiegħu, u lanqas fid-dawl ta' paragun bejn l-ideoloġija politika tiegħu u dik tal-membru parlamentari kkonċernat mit-talba għat-tneħħija tal-immunità. B'mod partikolari, l-appartenenza tar-relatur għal partit politiku nazzjonali jew għal grupp politiku kkonstitwit fi ħdan il-Parlament, ikunu xi jkun l-valuri u l-ideat ta' dawn tal-aħħar, u anki jekk dawn jistgħu jiżvelaw sensibbiltajiet *a priori* sfavorevoli għas-sitwazzjoni tal-membru tal-Parlament ikkonċernat mit-talba għat-tneħħija tal-immunità, hija, bħala prinċipju, mingħajr effett fuq l-evalwazzjoni tal-imparzjalità tar-relatur. F'dan ir-rigward, diġà ġie deċiż li d-differenza ta' ideoloġija politika bejn ir-relatur u l-membru tal-Parlament ikkonċernat mit-talba għat-tneħħija tal-immunità ma kinitx ta' natura, fiha nnifisha, li taffettwa l-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2021, Jalkh vs Il-Parlament, T-230/21, mhux ippubblikata, EU:T:2021:848, punt 46).
- 245 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, l-appartenenza tar-relatur għall-grupp politiku Ewropew ta' Konservattivi u Riformalisti Ewropej hija, bħala prinċipju, mingħajr effett fuq l-evalwazzjoni tal-imparzjalità tiegħu.
- 246 Ċertament, dan il-grupp politiku jinkludi wkoll il-membri tal-Parlament tal-partit politiku VOX li, kif irrileva l-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tal-24 ta' Mejju 2022, Puigdemont i Casamajó *et vs* Il-Parlament u Spanja (C-629/21 P(R), EU:C:2022:413, punt 202), jinsab f'sitwazzjoni kompletament partikolari fir-rigward tar-rikorrenti, peress li huwa ta lok għall-proċeduri kriminali inkwistjoni. Madankollu, din is-sitwazzjoni partikolari għandha fil-mira membri tal-partit politiku VOX u ma tistax tiġi estiża, bħala prinċipju, għall-membri kollha tal-grupp politiku tal-Konservaturi u Riformalisti Ewropew għar-raġuni biss li huma għandhom, peress li jaqgħu taħt l-istess grupp, affinitajiet politiċi.
- 247 It-tieni, ir-rikorrenti jsostnu li r-relatur ippresieda laqgħa tal-partit politiku VOX fi ħdan il-Parlament, li matulha huwa allegatament sostna s-slogan "Puigdemont fil-ħabs".
- 248 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li l-espożizzjoni sommarja ta' dan l-ilment tinsab fir-rikors u li hija sostnuta minn prova li tinsab fl-annessi identifikati, jiġifieri link lejn video. Għaldaqstant, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 34 iktar 'il fuq, hemm lok li tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Parlament f'dan ir-rigward.

- 249 Sussegwentement, huwa paċifiku li, fil-kuntest tal-funzjonijiet tiegħu ta' membru tal-Parlament, ir-relatur organizza u pparteċipa f'avveniment li nżamm fis-6 ta' Marzu 2019, fil-bini tal-Parlament, li kien jikkonsisti f'intervent tas-Segretarju Ġenerali tal-partit politiku VOX dwar it-tema "Cataluña es España" (il-Cataluña hija Spanja)". Dan tal-aħħar għalaq id-diskors tiegħu permezz tal-formula "Viva España, viva Europa y Puigdemont a prisión" (Viva Spanja, viva l-Ewropa u Puigdemont fil-ħabs).
- 250 Minn naħa, huwa paċifiku li, matul dan l-avveniment, ir-relatur ma esprimiex ruħu verbalment. Fil-fatt, mir-reġistrazzjoni ta' dan l-avveniment jirriżulta li, għalkemm ir-relatur kien preżenti fuq il-mejda tal-kelliema, ħdejn is-segretarju ġenerali tal-partit VOX u żewġ membri oħra tal-Parlament, kien biss is-Segretarju Ġenerali tal-imsemmi partit li intervjena oralment.
- 251 Min-naħa l-oħra, l-organizzazzjoni ta' tali avveniment tista' tiġi kkunsidrata bħala manifestazzjoni tal-appoġġ tar-relatur għall-ideat difiżi mill-imsemmi partit politiku li jikkonċernaw, b'mod partikolari, fid-dawl tat-tema tal-avveniment, is-sitwazzjoni politika tal-Cataluña, kif ukoll l-oppożizzjoni tagħha għall-ideat politiċi mressqa mir-rikorrenti. Għalkemm, ċertament, il-fatti li bihom huma akkużati r-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura kriminali inkwistjoni jirrigwardaw is-sitwazzjoni politika fil-Cataluña sa fejn dawn jirrigwardaw l-adozzjoni tal-liġijiet imsemmija fil-punt 2 iktar 'il fuq u ż-żamma tar-referendum ta' awtodeterminazzjoni msemmi fl-istess punt, il-manifestazzjoni, mill-membru tal-Parlament, relatur futur fil-kawżi ta' tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti, tal-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni ma tistax, għar-raġunijiet esposti fil-punti 244 u 246 iktar 'il fuq, tkun suffiċjenti sabiex tikkaratterizza ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità. Għandu jingħad ukoll li, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 141 iktar 'il fuq, il-kwistjonijiet dwar jekk il-fatti li bihom huma akkużati r-rikorrenti humiex stabbiliti, jekk dawn il-fatti jiġġustifikawx jew le proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom u jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jistabbilixxu r-reati li abbażi tagħhom ir-rikorrenti ġew akkużati kinux xierqa huma distinti minn dik li tikkonsisti fid-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-immunità parlamentari, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, kinux issodisfatti fil-mument meta saret it-talba. Din l-aħħar kwistjoni hija l-unika kwistjoni li ġiet eżaminata mir-relatur.
- 252 It-tielet, fir-replika, ir-rikorrenti jsostnu ċerti fatti li seħħew wara d-deċiżjonijiet ikkontestati li juru l-assenza ta' imparzjalità tar-relatur.
- 253 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, skont l-Artikolu 85(1) tar-Regoli ta' Proċedura, il-provi u l-offerti ta' provi jiġu prodotti fil-kuntest tal-ewwel skambju ta' noti. L-Artikolu 85(2) tar-Regoli ta' Proċedura jispeċifika li l-partijiet prinċipali jistgħu jipproduċu jew jipproponu provi ġodda insostenn tal-argumenti tagħhom anki fir-replika u fil-kontroreplika, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw għaliex dawn il-provi ġew prodotti jew proposti tard.
- 254 Sa fejn ir-rikorrenti jinvolkaw intervista tar-relatur f'gazzetta Bulgara, bid-data tal-jum ta' wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, u għalhekk qabel il-preżentata tar-rikors, għandu jiġi rrilevat li dan id-dokument ġie prodott fir-replika, mingħajr ma r-rikorrenti ġġustifikaw il-produzzjoni tardiva tiegħu. Għaldaqstant, din il-prova għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, kif jitlob il-Parlament.
- 255 Barra minn hekk, id-diversi reazzjonijiet tal-partit politiku VOX espressi wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati u wara l-preżentata tar-rikors, b'mod partikolari l-manifestazzjonijiet ta' sodisfazzjon fir-rigward tar-rapport stabbilit mir-relatur, ma humiex ta'

natura li jistabbilixxu n-nuqqas ta' imparzjalità tar-relatur. L-istess japplika għall-fatt, allegat mir-rikorrenti, li r-relatur kien suġġett għal sanzjoni amministrattiva minħabba l-aġir tiegħu fil-Kamra għal fatti li ma humiex relatati ma' din il-kawża.

256 Ir-raba', ir-rikorrenti ma jsostnux li r-relatur kien f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi, li teżisti, skont l-Artikolu 3(1) tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, "meta Membru jkollu interess personali li jista' jinfluwenza b'mod mhux xieraq il-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew". B'mod iktar ġenerali, ir-rikorrenti ma jinvokaw ebda interess personali tar-relatur li jista' jaffettwa l-imparzjalità tiegħu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Bl-istess mod, ir-rikorrenti ma jsemmu ebda dikjarazzjoni tar-relatur ta' natura li tiżvela li huwa kien iddiskuta l-funzjoni tiegħu bi preġudizzju personali, dissoċjabbli mill-ideoloġija politika tiegħu.

257 Minn dan isegwi li t-tieni parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*– Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq in-nuqqas ta' imparzjalità tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali*

258 Ir-rikorrenti jsostnu li l-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali ma kien joffri ebda garanzija ta' imparzjalità għar-raġunijiet imsemmija fl-osservazzjonijiet li huma kkomunikaw lil din il-kummissjoni, li tinsab fl-anness tar-rikors. Huma jippreċiżaw, b'mod partikolari, li dan tal-aħħar u l-partit politiku nazzjonali li jagħmel parti minnu wrew ostilità feroċi fir-rigward tagħhom billi mexxew strateġija intiża li tipprekludihom milli jieħdu l-pussess tas-siġġu tagħhom fil-Parlament.

259 F'dan ir-rigward, mill-iżviluppi li jinsabu fil-punti 33 sa 37 iktar 'il fuq jirriżulta li għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli l-argumenti dwar l-assenza ta' imparzjalità tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali li huma esposti biss fl-annessi tar-rikors mingħajr ma jissemew espressament fih. Dan huwa l-każ tal-argument marbut maċ-ċittadinanza Spanjola tiegħu. Dan huwa wkoll il-każ ta' ċerti argumenti dwar l-allegat aġir tagħha, kif isostni l-Parlament.

260 Min-naħa l-oħra, hemm lok li tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Parlament sa fejn din hija diretta kontra l-argument, imsemmi fil-punt 145 tar-rikors, ibbażat fuq l-allegata ostilità tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali li tirriżulta mill-istrateġija li tmexxiet sabiex ir-rikorrenti jiġu preklużi milli jieħdu pussess tas-siġġu tagħhom fil-Parlament.

261 Madankollu dan l-argument għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, mill-atti tal-proċess jirriżulta li l-allegati inizjattivi sabiex ir-rikorrenti jiġu preklużi milli jieħdu l-pussess tas-sede tagħhom fil-Parlament joriġinaw, mhux mill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, iżda mill-partit politiku nazzjonali li jagħmel parti minnu, li ma huwiex dak li eżerċita l-azzjoni popolari fil-proċeduri kriminali inkwistjoni. Issa, mill-punt 244 iktar 'il fuq jirriżulta li l-imparzjalità tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali ma tistax, bħala prinċipju, tiġi evalwata fid-dawl tal-ideoloġija politika tiegħu, b'mod partikolari, tal-appartenenza tiegħu għal partit politiku nazzjonali.

262 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda. Sa fejn l-allegazzjonijiet ta' parzjalità fformulati kontra r-relatur u l-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali ġew miċħuda, ma huwiex neċessarju li tiġi evalwata r-raba' parti dwar l-ostakolu li n-natura kunfidenzjali tax-xogħol ta' dan il-kumitat għall-istabbiliment tal-prova tal-effett tal-allegata parzjalità tagħhom fuq id-deċiżjonijiet ikkontestati tikkostitwixxi.

263 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-rikors għandu jiġi miċħud, mingħajr ma hemm bżonn li jiġu adottati l-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u l-miżuri istruttorji mitluba mir-rikorrenti.

***Fuq it-talba għal ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura***

264 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti ressqu talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura skont l-Artikolu 113(2)(c) tar-Regoli tal-Proċedura.

265 Skont l-Artikolu 113(2)(c) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura meta parti prinċipali titlob dan, billi tibbaża ruħha fuq fatti ta' natura li jeżerċitaw influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tagħha li hija ma setgħetx issostni qabel l-għeluq tal-imsemmija fażi orali.

266 Ir-rikorrenti jsostnu fatti li seħħew wara l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura li, fil-fehma tagħhom, għandhom effett deċiżiv, minn naħa, fuq l-interess ġuridiku tagħhom u, min-naħa l-oħra, fuq il-fondatezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

267 B'mod iktar preċiż, l-ewwel nett, ir-rikorrenti jirreferu għad-dħul fis-seħħ, fit-12 ta' Jannar 2023, tal-Ley Orgánica 14/2022 (il-Liġi Organika 14/2022), tat-22 ta' Diċembru 2022 (BOE Nru 307, tat-23 ta' Diċembru 2022, p. 1), li emendat il-Kodiċi Kriminali, b'mod partikolari billi neħħiet ir-reat ta' sedizzjoni li abbażi tiegħu huma kienu akkużati u billi mmodifikat il-ksur ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni rikorrent. It-tieni, huma jinvokaw id-digriet tat-12 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu l-qorti istruttorja tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) neħħiet b'mod partikolari l-mandati ta' arrest Ewropej tal-14 ta' Ottubru u tal-4 ta' Novembru 2019 maħruġa fil-konfront tagħhom. It-tielet, ir-rikorrenti jsostnu d-digriet tal-Corte d'appello di Cagliari, sezione distaccata di Sassari (il-Qorti tal-Appell ta' Cagliari, awla separata ta' Sassari, l-Italja) tad-9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu din il-qorti kkonstatat it-tneħħija tal-mandat ta' arrest Ewropew fir-rigward tal-ewwel rikorrent u, konsegwentement, iddikjarat l-estinzjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat. Ir-raba', ir-rikorrenti jinvokaw is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha t-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali) ċaħdet ir-rikors ("recurso de amparo") ippreżentat mill-ewwel u mit-tieni rikorrent kontra d-digriet tal-qorti istruttorja tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tal-10 ta' Jannar 2020 li jitlob it-tneħħija tal-immunità tagħhom quddiem il-Parlament.

268 Fl-ewwel lok, fir-rigward taż-żamma tal-interess ġuridiku tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma jistgħux jipproduċu iktar effetti legali, peress li, minn naħa, dawn huma intiżi biss sabiex jippermettu l-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej li tneħħew u, min-naħa l-oħra, huma jneħħu l-immunità tagħhom abbażi ta' proċedura kriminali li tirrigwarda allegat reat ta' sedizzjoni li ma għadux jinsab fil-Kodiċi Kriminali u fuq ksur preżunt ta' misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi li ġie sostanzjalment emendat f'dan il-kodiċi. Madankollu, ir-rikorrenti jsostnu li, fid-dawl tal-effetti prodotti mid-deċiżjonijiet ikkontestati, huma għandhom interess ġuridiku, tal-inqas, f'perspettiva ta' kumpens. Huma jsostnu, f'dan ir-rigward, li sentenza ta' annullament tista' tikkostitwixxi forma ta' kumpens. Huma jsostnu wkoll ir-riskju ta' ripetizzjoni tal-illegalitajiet li jaffettwaw id-deċiżjonijiet ikkontestati, peress li l-qorti istruttorja tal-Awla Kriminali tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tipprevedi li toħroġ mandati ta' arrest Ewropej ġodda.

- 269 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li r-rikorrenti jitolbu l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura sabiex ikun jista' jsir dibattitu kontraddittorju dwar il-kwistjoni tat-tmien tal-interess ġuridiku tagħhom, filwaqt li jsostnu li dan jippersisti minkejja l-allegata nullità tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Barra minn hekk, la l-Parlament u lanqas ir-Renju ta' Spanja ma adixxew lill-Qorti Ġenerali b'talba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, filwaqt li tali talba tista' titressaq f'kull mument tal-proċedura (digriet tal-25 ta' Ottubru 2019, *Le Pen vs Il-Parlament*, T-211/19, mhux ippubblikat, EU:T:2019:776, punt 14). F'dan il-kuntest, u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li l-provi prodotti mir-rikorrenti dwar il-kwistjoni tal-interess ġuridiku tagħhom ma humiex ta' natura li jeżerċitaw influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, fis-sens tal-Artikolu 113(2)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura.
- 270 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-fatti ġodda invokati mir-rikorrenti lanqas ma huma ta' natura li jeżerċitaw influwenza deċiżiva fuq il-mertu tar-rikors.
- 271 Fil-fatt, sa fejn il-legalità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata skont il-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data meta dan l-att ġie adottat (ara s-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, *Schindler Holding et vs Il-Kummissjoni*, C-501/11 P, EU:C:2013:522, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' Settembru 2015, *Inuit Tapiriit Kanatami et vs Il-Kummissjoni*, C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata) u filwaqt li ma huwiex il-Parlament, meta jiddeċiedi dwar talba għat-tneħħija tal-immunità, li għandu jevalwa n-natura xierqa tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jistabbilixxu l-ksur allegat (ara l-punt 180 iktar 'il fuq), l-emenda tal-Kodiċi Kriminali, wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, ma għandhiex effett fuq l-eżami tal-legalità tagħhom. L-istess japplika, minn naħa, għad-digriet tal-qorti istrutturja tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tat-12 ta' Jannar 2023, li n-natura definittiva tiegħu, barra minn hekk, ma ġietx stabbilita, peress li dan huwa intiż sabiex jislet il-konsegwenzi tal-emenda tal-imsemmi kodiċi kriminali u, min-naħa l-oħra, għad-digriet tal-Corte d'appello di Cagliari, sezione distaccata di Sassari (il-Qorti tal-Appell ta' Cagliari, awla separata ta' Sassari) tad-9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu din il-qorti stess, essenzjalment, siltet il-konsegwenzi tat-tneħħija, permezz tad-digriet iċċitat iktar 'il fuq tat-12 ta' Jannar 2023, tal-mandat ta' arrest Ewropew li jirrigwarda lill-ewwel rikorrent.
- 272 Fir-rigward tas-sentenza tad-29 ta' Novembru 2022 tat-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali), ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li din issaħħaħ l-argument li huma kienu diġà żviluppaw insostenn tat-tieni motiv, b'rabta mas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, *Berlusconi u Fininvest* (C-219/17, EU:C:2018:1023). Għaldaqstant, din is-sentenza tat-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali) ma tistax titqies li hija ta' natura li teżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li, fl-imsemmija sentenza, it-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali) indikat li hija l-Qorti Ġenerali, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, li għandha tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjonijiet ikkontestati ma jistax jinvalida l-konklużjoni, esposta fil-punt 88 iktar 'il fuq, li l-Parlament ma kienx obligat jevalwa l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-ġurisprudenza Spanjola dwar l-awtorità kompetenti sabiex titlob it-tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament Ewropew elett għar-Renju ta' Spanja.
- 273 Konsegwentement, hemm lok li tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrenti intiża għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

## Fuq l-ispejjeż

- 274 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament fil-kuntest ta' din il-kawża u tal-Kawżi T-272/21 R u T-272/21 R II, konformement mat-talbiet tal-Parlament.
- 275 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu, inklużi dawk li huwa sostna fil-kuntest tal-Kawża T-272/21 R II.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) **Carles Puigdemont i Casamajó, Antoni Comín i Oliveres u Clara Ponsatí i Obiols huma kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew, inkluż dawk sostnuti fil-kuntest tal-Kawżi T-272/21 R u T-272/21 R II.**
- 3) **Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu, inklużi dawk li huwa sostna fil-kuntest tal-Kawża T-272/21 R II.**

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Lulju 2023.

Firem

## Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . . .	2
It-talbiet tal-partijiet . . . . .	4
Id-dritt . . . . .	4
Fuq l-ammissibbiltà tar-riferimenti għall-annessi . . . . .	5
Fuq il-mertu . . . . .	6
Il-kuntest ġuridiku . . . . .	6
– Id-dritt tal-Unjoni . . . . .	6
– Id-dritt Spanjol . . . . .	8
Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata . . . . .	10
Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq l-inkompetenza tal-awtorità nazzjonali li ħarġet u baġtet lill-Parlament it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti . . . . .	13
Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' kooperazzjoni leali, tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-drittijiet tad-difiża minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati . . . . .	17
– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tal-proċeduri intiżi għat-tneħħija tal-immunità . . . . .	17
– Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' ċarezza tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tan-natura tal-miżuri li jistgħu jiġu adottati fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej . . . . .	18
Fuq is-sitt motiv, sa fejn huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 343 TFUE, tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura, kif ukoll ta' ċerti drittijiet fundamentali tar-rikorrenti . . . . .	21
– Fuq l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 343 TFUE, tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura . . . . .	22
– Fuq l-indhli illegali fid-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti . . . . .	24
Fuq is-sitt motiv, sa fejn huwa bbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi li jivvizzjaw l-eżami, mill-Parlament, tal-fumus persecutionis u fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament u fuq żbalji manifesti mwettqa mill-Parlament fl-evalwazzjoni tiegħu tal-fumus persecutionis . . . . .	26
– Fuq l-allegati żbalji ta' liġi u ta' fatt li jivvizzjaw l-eżami mill-Parlament tal-fumus persecutionis . . . . .	26
– Fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' trattament ugwali . . . . .	28

– Fuq l-allegati żbalji manifesti mwettqa fl-evalwazzjoni tal-fumus persecutionis . . . . .	30
Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn il-Parlament irrifjuta li japplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura . . . . .	33
Fuq ir-raba' motiv, ibbażat essenzjalment, fuq il-ksur tad-dritt għal smiġħ . . . . .	34
– Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li r-rikorrenti ma kellhomx aċċess għal tliet dokumenti . . . . .	35
– Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-ksur tad-dritt għal smiġħ waqt is-smiġħ tar-rikorrenti . . . . .	36
Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità . . . . .	37
– Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-ħatra ta' relatur wieħed għat-tliet kawżi . . . . .	38
– Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq nuqqas ta' imparzjalità tar-relatur . . . . .	40
– Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq in-nuqqas ta' imparzjalità tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali . . . . .	43
Fuq it-talba għal ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura . . . . .	44
Fuq l-ispejjeż . . . . .	46